2026/1183

3.6.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1183

tat-2 ta' Ġunju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 fir-rigward tar-regoli proċedurali dwar l-oriġini preferenzjali tal-merkanzija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) u l-Artikolu 66, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([2]) fost l-oħrajn jistabbilixxi regoli proċedurali, imsemmija fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 ("il-Kodiċi"), li jiffaċilitaw l-istabbiliment tal-oriġini preferenzjali tal-merkanzija fl-Unjoni. Filwaqt li jitqies it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni sal-applikazzjoni sħiħa tas-Sistema tal-Esportaturi Reġistrati ("is-sistema REX" (REX, Registered Exporter System)) fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ("il-GSP", Generalised System of Preferences) tal-Unjoni, l-estensjoni tas-sistema REX għall-esportaturi tal-Unjoni fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-Unjoni, il-mistoqsijiet speċifiċi mqajma dwar id-dispożizzjonijiet fis-seħħ bħalissa jew li jista' jkollhom jiġu inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, u l-implimentazzjoni ta' ċerti proċeduri ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles li jirrikjedu leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni, huwa meħtieġ li dawk ir-regoli jiġu emendati kif xieraq.

(2) Sabiex jiġu akkomodati bl-aħjar mod il-bidliet fl-applikazzjoni tar-regoli proċedurali li jikkonċernaw l-oriġini preferenzjali tal-merkanzija, jenħtieġ li t-taqsima dwar l-oriġini preferenzjali tiġi ristrutturata f'sottotaqsimiet b'sottotaqsimiet ġodda relatati ma' ftehimiet preferenzjali, is-sistema REX u l-GSP. B'riżultat ta' dak ir-ristrutturar, is-sottotaqsima 10 kurrenti, relatata ma' miżuri kummerċjali awtonomi, jenħtieġ li ma tinbidilx u li ssir is-sottotaqsima 5, u s-sottotaqsimiet 11 u 12 jenħtieġ li jiġu nnumerati mill-ġdid bħala s-sottotaqsima 6 u s-sottotaqsima 7 rispettivament.

(3) Hija neċessarja l-introduzzjoni ta' definizzjonijiet ġodda għad-dokument dwar l-oriġini, il-ftehim preferenzjali, il-fornitur, il-klijent u l-istatus oriġinarju sabiex tinkiseb ċarezza fl-applikazzjoni tar-regoli proċedurali għall-oriġini preferenzjali tal-merkanzija.

(4) Biex jiġi appoġġat aċċess uniformi għall-awtorizzazzjonijiet tal-esportaturi approvati fl-Unjoni u l-ġestjoni tagħhom, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet kurrenti dwar l-awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat jiġu ssimplifikati u limitati għad-dispożizzjonijiet proċedurali barra minn dawk speċifikati fi ftehimiet preferenzjali.

(5) Biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha tal-għażliet disponibbli għall-Unjoni permezz ta' ftehimiet preferenzjali, jenħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet proċedurali dwar is-segregazzjoni tal-kontabilità, l-aċċettazzjoni ta' dokument dwar l-oriġini għal vjeġġi multipli ta' prodotti identiċi, l-eżenzjoni mill-obbligu li jiġu pprovduti dokumenti dwar l-oriġini, l-aċċettazzjoni jew l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet dwar talba għal trattament tariffarju preferenzjali bbażat fuq l-għarfien tal-importatur u l-possibbiltà li jiġi rrinunzjat ir-rekwiżit li dokument dwar l-oriġini jiġi ffirmat mill-esportatur.

(6) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet doganali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li s-sostituzzjoni tad-dokumenti dwar l-oriġini fl-Unjoni tiġi ssimplifikata u l-verifika tagħhom tiġi ffaċilitata bl-introduzzjoni ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

(7) Biex tiżdied il-flessibbiltà u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-possibbiltà tal-aċċettazzjoni tad-dokumenti dwar l-oriġini wara l-iskadenza tal-perjodu ta' validità tagħhom, kif huwa applikabbli bħalissa għad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini skont ir-regoli tal-iskema tal-GSP tal-Unjoni, issir applikabbli għad-dokumenti kollha dwar l-oriġini u jenħtieġ li jiġi introdott qafas legali rispettiv għal din l-aċċettazzjoni.

(8) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti eżistenti dwar in-notifika tal-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati Membri, kif inhuma applikabbli bħalissa għall-kooperazzjoni amministrattiva skont ir-regoli tal-iskema tal-GSP tal-Unjoni, jenħtieġ li jsiru applikabbli għall-kooperazzjoni amministrattiva ma' pajjiżi terzi skont ftehimiet preferenzjali u fil-qasam tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur.

(9) Biex jiġi evitat li jiżdied il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet doganali, jenħtieġ li jinżamm il-limitu ta' EUR 6 000 sa liema limitu esportatur li ma huwiex esportatur irreġistrat jista' jimla dokument dwar l-oriġini kemm għall-esportaturi tal-Unjoni kif ukoll għall-esportaturi tal-pajjiżi benefiċjarji tal-GSP. Madankollu, meta ftehim kummerċjali preferenzjali bejn l-Unjoni u pajjiż terz jiddikjara b'mod espliċitu li l-esportaturi jridu jindikaw in-numru ta' identifikazzjoni tagħhom fid-dokument dwar l-oriġini indipendentement mill-valur tal-merkanzija esportata, jenħtieġ li ma jintuża l-ebda limitu mill-esportaturi. Barra minn hekk, biex tiżdied it-trasparenza tat-tranżazzjonijiet u jkun hemm monitoraġġ aħjar, l-esportaturi li huma rreġistrati fil-pajjiżi benefiċjarji tal-Unjoni u tal-GSP jenħtieġ li dejjem jindikaw in-numru ta' identifikazzjoni REX tagħhom fid-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini u d-dikjarazzjonijiet ta' oriġini tagħhom, indipendentement mill-valur tal-merkanzija li għaliha ssir id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew ta' oriġini.

(10) Biex jiġu ssimplifikati d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar ir-reġistrazzjoni tal-esportaturi u tar-rikonsenjaturi fis-sistema REX, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu kkonsolidati fis-sottotaqsima 2. Jenħtieġ li dik is-sottotaqsima tistabbilixxi l-ambitu tas-sistema REX fl-Unjoni, inkluż il-qafas proċedurali għal dik l-applikazzjoni, u f'pajjiżi terzi, u jenħtieġ li tkopri wkoll dispożizzjonijiet dwar il-pubblikazzjoni tad-data li tinsab fis-sistema REX. Id-dispożizzjonijiet kurrenti dwar il-bażi tad-data tal-esportaturi rreġistrati dwar id-drittijiet ta' aċċess għall-bażi tad-data u l-protezzjoni tad-data jenħtieġ li jitħassru peress li jeżistu fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 ([3]).

(11) Biex tiġi appoġġata u unifikata l-prattika ta' monitoraġġ fl-Istati Membri, jenħtieġ li tiżdied dispożizzjoni dwar il-monitoraġġ tal-esportaturi rreġistrati fl-Unjoni.

(12) Wara t-tmiem tat-tranżizzjoni mill-użu taċ-ċertifikat tal-oriġini, Formola A għall-awtoċertifikazzjoni mas-sistema REX, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar ir-regoli proċedurali ta' oriġini preferenzjali għall-finijiet tal-iskema tal-GSP tal-Unjoni, inklużi l-obbligi tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tar-reġistrazzjoni fis-sistema REX u l-kooperazzjoni amministrattiva, jiġu aġġornati u miġbura f'sottotaqsima 3 ġdida.

(13) Biex jissaħħu s-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-pajjiżi benefiċjarji mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-esportaturi jiġu ssimplifikati, u jenħtieġ li jiġi inkluż obbligu espliċitu għall-esportaturi biex jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju b'kopji jew listi tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini li jkunu għamlu.

(14) Biex jiġi limitat il-piż amministrattiv kemm għall-awtoritajiet doganali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati d-dispożizzjonijiet dwar l-ammissibbiltà ta' talba għal trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP tal-Unjoni, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar is-sostituzzjoni tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini.

(15) Biex jissaħħu ċ-ċertezza legali u t-trattament ugwali tat-talbiet għal verifika, id-dispożizzjoni dwar il-verifika tat-talbiet għal trattament tariffarju preferenzjali tal-GSP jenħtieġ li tiġi mmodifikata billi titneħħa d-distinzjoni bejn talbiet ibbażati fuq dubji raġonevoli u talbiet aleatorji, f'konformità mal-ftehimiet preferenzjali reċenti u t-talbiet kollha jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju. Sabiex tiġi żgurata l-konformità kontinwa tal-esportaturi rreġistrati mal-obbligi tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji tal-GSP jwettqu verifiki tal-istatus oriġinarju tal-prodotti u kontrolli regolari fuq l-esportaturi rreġistrati.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-arranġamenti tekniċi għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/512, 20.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/512/oj).

(16) Sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Unjoni, in-Norveġja u l-Iżvizzera, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien xierqa biex jitwettqu l-verifiki ta' dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini fl-Unjoni magħmula fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera.

(17) Biex jissaħħaħ l-użu tar-regoli skont l-iskema tal-GSP tal-Unjoni, jenħtieġ li r-regoli proċedurali dwar il-ġestjoni tar-reġistrazzjonijiet f'pajjiż benefiċjarju jiġu ssimplifikati billi titneħħa r-referenza għal "rikonsenjaturi".

(18) Konsegwentement, biex jiġu appoġġati r-regoli ssimplifikati, jenħtieġ li jitħassru ċerti Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 (l-Annessi 22-02, 22-06, 22-08, 22-09 u 22-16 sa 22-19), u jenħtieġ li l-Annessi 22-06A, 22-07, 22-15 u 22-20 jiġu mmodifikati. Jenħtieġ li jiddaħħal Anness 22-06B ġdid.

(19) Biex jiġu modernizzati l-proċeduri doganali u tiġi żgurata l-ġestjoni sigura u effiċjenti tal-provi tal-oriġini, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ċentrali għaċ-Ċertifikati tal-Prova tal-Oriġini (is-sistema e-PoC tal-UE (e-PoC, electronic Proof of Origin)). Din is-sistema jenħtieġ li tkun disponibbli għall-Istati Membri u, fejn previst fi ftehimiet preferenzjali tal-Unjoni, għal pajjiżi terzi, biex tissostitwixxi l-użu kurrenti ta' ċertifikati stampati bi proċess kompletament elettroniku. L-introduzzjoni tas-sistema e-PoC tal-UE hija meħtieġa biex tarmonizza l-ħruġ, il-verifika u l-iskambju tal-provi tal-oriġini, ittejjeb is-sigurtà tat-tranżazzjonijiet u tad-data u tawtomatizza l-kontrolli tal-awtenticità. Billi tiffaċilita d-dematerjalizzazzjoni tad-dokumenti, din is-sistema jenħtieġ li tiffaċilita wkoll il-formalitajiet tal-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-merkanzija, u b'hekk tissimplifika l-proċeduri doganali kemm għall-awtoritajiet doganali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi.

(20) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-interkonnessjoni tas-sistema e-PoC tal-UE mas-sistemi doganali nazzjonali permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (EU CSW-CERTEX, European Union Customs Single Window Certificates Exchange System) stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), bil-għan li tippermetti l-iskambju awtomatizzat ta' informazzjoni bejn is-sistemi doganali nazzjonali tal-Istati Membri u s-sistema e-PoC tal-UE. L-interkonnessjoni għandha l-għan li tissimplifika l-verifiki taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 fis-sistema e-PoC tal-UE matul l-iżdoganar tal-merkanzija. L-Artikolu 17 tal-Appendiċi 1 tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-Regoli Preferenzjali tal-Oriġini pan-Ewro-Mediterranji ([5]) jipprevedi li "żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu bejniethom li jistabbilixxu sistema li tippermetti li l-provi tal-oriġini elenkati fil-paragrafu 1 jinħarġu b'mod elettroniku u/jew jiġu ppreżentati b'mod elettroniku". Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kumitat Konġunt pan-Ewro-Mediterranju adotta regoli ta' oriġini riveduti skont il-Konvenzjoni PEM (Pan-Euro-Mediterranean) b'data ta' implimentazzjoni tal-1 ta' Jannar 2025. Biex tiġi ffaċilitata din it-tranżizzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi s-sistema e-PoC tal-UE, filwaqt li tiżgura li ċ-ċertifikazzjoni elettronika tal-oriġini tiġi implimentata f'konformità mal-kundizzjonijiet minimi għaċ-ċertifikati elettroniċi adottati mill-Kumitat Konġunt.

(21) Sabiex id-dikjarazzjoni tal-fornitur tiġi adattata għall-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista attwali u għar-rekwiżiti li jappartjenu għall-istabbiliment ta' oriġini preferenzjali mill-esportaturi u għall-verifika tagħha mill-awtoritajiet doganali, jenħtieġ li d-dikjarazzjoni tal-fornitur tkun ibbażata fuq lista ta' elementi ta' data standardizzati u kodifikati, li tiffaċilita l-iskambju u l-ipproċessar elettroniku tagħhom bejn il-fornituri u l-esportaturi. Fir-rigward tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, jenħtieġ li l-proċess jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata biss il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

(22) Sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-bidliet fid-dispożizzjonijiet relatati mad-dikjarazzjoni tal-fornitur, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tiġi differita.

(23) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jiġi emendat kif xieraq.

(24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

([4]) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013, (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj).

([5]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94(1)/oj.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 60 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 60*

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(1) 'dokument dwar l-oriġini' tfisser dokument li permezz tiegħu awtorità kompetenti, esportatur jew rikonsenjatur jiddikjara li prodott jitqies oriġinarju għall-finijiet ta' ftehim preferenzjali;

(2) 'ftehim preferenzjali' tfisser ftehim kummerċjali li permezz tiegħu l-Unjoni tapplika l-miżuri tariffarji preferenzjali msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (d), jew l-Artikolu 56(2), il-punt (e), tal-Kodiċi;";

(2) il-punti (3), (4) u (5) li ġejjin jiżdiedu mal-Artikolu 60:

"(3) 'fornitur' tfisser persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li tipprovdi lil klijent b'informazzjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-merkanzija għall-finijiet ta' ftehim preferenzjali wieħed jew aktar;

(4) 'klijen' tfisser persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni u li tirċievi dikjarazzjoni tal-fornitur;

(5) 'status oriġinarju' tfisser, għall-finijiet tad-dikjarazzjoni tal-fornitur, l-istatus tal-merkanzija bħala li għandha jew li ma għandhiex oriġini preferenzjali.";

(3) fit-Titolu II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2, it-titolu tas-sottotaqsima 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sottotaqsima 1

Regoli proċedurali tal-oriġini biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ftehimiet preferenzjali fl-Unjoni";

(4) l-Artikolu 61 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 61*

Dikjarazzjonijiet tal-fornitur

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Meta fornitur jipprovdi lil klijent b'informazzjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-merkanzija għall-finijiet ta' ftehim preferenzjali wieħed jew aktar, il-fornitur għandu jagħmel dan permezz ta' dikjarazzjoni tal-fornitur.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jkun fiha d-dettalji speċifikati fl-Anness 22-15 u għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Anness. Dikjarazzjoni tal-fornitur tista' tapplika għal:

(a) kunsinna waħda ta' oġġett wieħed jew aktar; jew

(b) kunsinni multipli ta' oġġett identiku wieħed jew aktar fornuti matul ċertu perjodu ta' żmien.

3. Il-fornitur jista' jipprovdi d-dikjarazzjoni tal-fornitur fi kwalunkwe ħin, anke wara li l-merkanzija tkun ġiet fornuta.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' ssir u tiġi skambjata bi kwalunkwe mezz li l-fornitur u l-klijent iqisu xieraq, inkluż bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-data.

4. L-Artikolu 15 u l-Artikolu 51(1) tal-Kodiċi għandhom japplikaw għad-dikjarazzjoni tal-fornitur u għal kwalunkwe dokument li jappoġġjaha.

5. Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent immedjatament meta d-dikjarazzjoni tal-fornitur ma tkunx korretta jew ma tkunx għadha applikabbli fir-rigward ta' xi wħud mill-kunsinni jew il-kunsinni kollha ta' merkanzija koperti minn dik id-dikjarazzjoni, kemm jekk ikunu ġew fornuti jew għad iridu jiġu fornuti.";

(5) L-Artikoli 62 sa 65 jitħassru.

(6) L-Artikolu 66 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 66*

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-forniturI

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali responsabbli fil-post fejn huwa stabbilit il-fornitur għandhom jingħataw is-setgħa li jivverifikaw, fejn xieraq, id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur magħmula minn dak il-fornitur.

2. L-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru, li huma responsabbli fil-post fejn ikun stabbilit il-klijent, jistgħu jitolbu l-assistenza tal-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ieħor, li huwa responsabbli fil-post fejn ikun stabbilit il-fornitur, biex jivverifikaw u jikkonfermaw l-akkuratezza tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għall-finijiet tal-ftehim preferenzjali kkonċernat.

L-awtoritajiet doganali rikjedenti għandhom jibagħtu lill-awtoritajiet doganali rikjesti l-informazzjoni u d-dokumenti kollha disponibbli u jagħtu r-raġunijiet għat-talba għal verifika tagħhom.

L-awtoritajiet doganali rikjedenti għandhom jiġu informati bir-riżultati tal-verifika mhux aktar tard minn 120 jum mid-data tat-talba għal verifika. Meta ma tingħata l-ebda tweġiba f'dak il-limitu ta' żmien, jew meta l-informazzjoni li tinsab fit-tweġiba ma tkunx adegwata biex tikkonferma li l-fornitur ikun ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 61(2) u (5) rigward id-dikjarazzjoni tal-fornitur ikkonċernata, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi injorata għad-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju tal-merkanzija kkonċernata.";

(7) L-Artikoli 67 sa 112 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 67*

Awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Meta ftehim preferenzjali jipprevedi li dokument dwar l-oriġini għandu jsir minn esportatur approvat, l-esportaturi stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni jistgħu japplikaw għal awtorizzazzjoni bħala esportatur approvat għall-fini li jsir dak id-dokument, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe eżenzjoni mill-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni stabbilita f'dak il-ftehim.

2. L-Artikolu 11(1), il-punt (d), u l-Artikoli 16, 17 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni tal-applikazzjonijiet u s-sospensjoni tad-deċiżjonijiet u l-Artikoli 10 u 15 ta' dan ir-Regolament dwar l-użu ta' mezzi elettroniċi għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni u r-revoka ta' deċiżjonijiet favorevoli li jappartjenu għall-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet ma għandhomx japplikaw għad-deċiżjonijiet relatati mal-awtorizzazzjonijiet approvati tal-esportaturi.

3. L-awtorizzazzjonijiet approvati tal-esportaturi għandhom jingħataw biss lil persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet dwar l-oriġini li jappartjenu għall-ftehimiet preferenzjali kkonċernati.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat imsemmi fil-paragrafu 2 numru tal-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher, meta jkun meħtieġ, fuq id-dokumenti dwar l-oriġini. In-numru tal-awtorizzazzjoni doganali għandu jibda bil-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1-alpha-2 tal-Istat Membru li joħroġ l-awtorizzazzjoni, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 ([1]) (*).

Sottotaqsima 2

Reġistrazzjoni tal-esportaturi u tar-rikonsenjaturi fis-sistema REX

Artikolu 68

Sistema elettronika relatata mar-reġistrazzjoni tal-esportaturi u tar-rikonsenjaturi fl-Unjoni (sistema REX)

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Meta l-Unjoni jkollha ftehim preferenzjali li jirrikjedi li esportatur jimla dokument dwar l-oriġini f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, l-esportatur tal-Unjoni għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX.

1a. Għall-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni li tappartjeni għal applikazzjonijiet u deċiżjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni fl-Unjoni ta' esportaturi u rikonsenjaturi ta' merkanzija għall-finijiet ta' ftehimiet preferenzjali, għandha tintuża s-sistema REX imsemmija fl-Artikoli 80 sa 92 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 (**).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 11(1)(d), 16, 17 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' applikazzjonijiet u s-sospensjoni ta' deċiżjonijiet u l-Artikoli 10(1) u 15 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw. L-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet relatati ma' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu skambjati u maħżuna f'sistema elettronika ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

2a. Għall-fini tal-akkumulazzjoni bilaterali skont l-iskema tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP, Generalised System of Preferences) tal-Unjoni, l-esportatur tal-Unjoni għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, meta l-arranġament preferenzjali applikabbli ma jispeċifika l-ebda limitu tal-valur sa fejn esportatur li ma huwiex esportatur irreġistrat jista' jimla dokument dwar l-oriġini, il-limitu tal-valur għandu jkun ta' EUR 6 000 għal kull kunsinna. Madankollu, meta ftehim kummerċjali preferenzjali bejn l-Unjoni u pajjiż terz jipprevedi b'mod espliċitu li l-esportaturi jridu jindikaw in-numru ta' identifikazzjoni tagħhom fid-dokument dwar l-oriġini indipendentement mill-valur tal-merkanzija esportata, ma għandu japplika l-ebda limitu ta' valur.

8. L-esportaturi tal-Unjoni rreġistrati fis-sistema REX dejjem għandhom jindikaw in-numru REX tagħhom fid-dokumenti dwar l-oriġini li jagħmlu għall-prodotti oriġinarji, irrispettivament mill-valur tagħhom.

9. Għall-finijiet tal-Artikolu 69, l-esportatur jew ir-rikonsenjatur għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX.

10. Ir-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 hija valida wkoll għall-finijiet ta' ftehimiet preferenzjali oħra tal-Unjoni li jipprevedu l-istess rekwiżit li għalih l-esportatur għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX.

Artikolu 68a

Sistema elettronika relatata mar-reġistrazzjoni tal-esportaturi f'pajjiżi terzi (sistema REX)

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Għall-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni li tappartjeni għal applikazzjonijiet u deċiżjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni f'pajjiż terz ta' esportaturi ta' merkanzija għall-finijiet ta' ftehimiet preferenzjali, għandha tintuża s-sistema REX.

2. Għall-finijiet tal-iskema tal-GSP tal-Unjoni, esportatur f'pajjiż benefiċjarju għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX, f'konformità mal-Artikolu 80, biex ikun jista' jagħmel dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini għal prodotti oriġinarji kkonsenjati, fejn il-valur totali tagħhom jaqbeż l-EUR 6 000.

3. L-esportaturi rreġistrati dejjem għandhom jindikaw in-numru REX tagħhom fid-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini li jagħmlu għall-prodotti oriġinarji, irrispettivament mill-valur tagħhom.

4. Meta l-Unjoni jkollha ftehim preferenzjali li jirrikjedi li esportatur jimla dokument dwar l-oriġini skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż terz, u dak il-pajjiż terz jiddeċiedi li juża s-sistema REX għal dan il-għan, esportatur fil-pajjiż terz għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX.

5. Meta pajjiż terz jiddeċiedi li juża s-sistema REX għall-finijiet tal-iskema tal-GSP tiegħu, esportatur f'dak il-pajjiż terz jew esportatur f'pajjiż benefiċjarju tal-iskema tal-GSP ta' dak il-pajjiż terz għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX.

6. Ir-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 4 u 5 hija valida wkoll għall-finijiet ta' ftehimiet preferenzjali oħrajn inkluż l-istess rekwiżit li għalih l-esportatur għandu jiġi rreġistrat fis-sistema REX.

7. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 11(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' applikazzjonijiet, u l-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, ma għandhomx japplikaw.

Artikolu 68b

Regoli proċedurali għall-implimentazzjoni tal-għażliet li jitħallew lill-Unjoni permezz ta' ftehimiet preferenzjali

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Meta ftehim preferenzjali jipprevedi l-possibbiltà ta' awtorizzazzjoni minn qabel għall-użu tas-segregazzjoni tal-kontabilità, l-ebda awtorizzazzjoni bħal din ma għandha tkun meħtieġa fl-Unjoni.

2. Meta ftehim preferenzjali jipprevedi l-possibbiltà li jiġi aċċettat dokument dwar l-oriġini għal vjeġġi multipli ta' prodotti identiċi, dak id-dokument għandu jiġi aċċettat fl-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim preferenzjali.

3. Meta ftehim preferenzjali jipprevedi l-possibbiltà li jiġu aċċettati jew imposti kundizzjonijiet fuq talba għal trattament tariffarju preferenzjali bbażat fuq l-għarfien tal-importatur, dik it-talba għandha tiġi aċċettata fl-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim preferenzjali.

L-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru, responsabbli fil-post fejn issir it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali bbażat fuq l-għarfien tal-importatur, jistgħu jitolbu l-assistenza tal-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ieħor, responsabbli fil-post fejn huwa stabbilit l-importatur, biex jivverifikaw l-oriġini preferenzjali tal-merkanzija kkonċernata. L-awtoritajiet doganali rikjedenti għandhom jibagħtu lill-awtoritajiet doganali rikjesti l-informazzjoni u d-dokumenti kollha disponibbli u jagħtu r-raġunijiet għat-talba għal verifika tagħhom. L-awtoritajiet doganali rikjedenti għandhom jiġu informati bir-riżultati tal-verifika mhux aktar tard minn 120 jum mid-data tat-talba għal verifika. Meta ma tingħata l-ebda tweġiba f'dak it-terminu, jew meta l-informazzjoni li tinsab fit-tweġiba ma tkunx adegwata biex tiġi kkonfermata l-oriġini preferenzjali tal-merkanzija, l-awtoritajiet doganali rikjedenti jistgħu jiċħdu t-trattament tariffarju preferenzjali.

4. Meta ftehim preferenzjali jipprevedi l-possibbiltà li prodotti oriġinarji jiġu eżentati mir-rekwiżit li jiġi pprovdut dokument dwar l-oriġini, u sa fejn il-kundizzjonijiet għal dik l-eżenzjoni ma jkunux previsti fil-ftehim preferenzjali kkonċernat, l-eżenzjoni għandha tapplika għal prodotti mibgħuta lill-Unjoni bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati, li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 500, u għal prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi, li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 1 200, dment li:

(a) il-prodotti ma jkunux importati għall-finijiet ta' kummerċ, li jfisser li l-importazzjonijiet huma okkażjonali, jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom u jkun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma huwa previst l-ebda skop kummerċjali;

(b) il-prodotti jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jibbenefikaw mill-ftehim preferenzjali kkonċernat;

(c) ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità tad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (b).

5. Meta ftehim preferenzjali jipprevedi l-possibbiltà li jiġi rrinunzjat ir-rekwiżit li dokument dwar l-oriġini jiġi ffirmat mill-esportatur, l-ebda firma bħal din ma għandha tkun meħtieġa fl-Unjoni.

Artikolu 69

Sostituzzjoni ta' dokumenti dwar l-oriġini fl-Unjoni u l-verifika tagħhom

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Meta l-prodotti oriġinarji koperti minn dokument dwar l-oriġini stabbilit għall-finijiet ta' ftehim preferenzjali jkunu għadhom ma ġewx rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera u jkunu taħt superviżjoni doganali fl-Unjoni, dak id-dokument dwar l-oriġini jista' jiġi ssostitwit b'dokument jew dokumenti ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini, għall-fini tar-rilaxx tal-merkanzija għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni. Il-validità tad-dokument ta' sostituzzjoni ma għandhiex taqbeż il-perjodu ta' validità tad-dokument issostitwit.

2. Id-dokument ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini msemmi fil-paragrafu 1 jista' jsir minn esportatur jew rikonsenjatur reġistrat stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni, fil-forma ta' dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini, u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 22-20.

4. Meta talba għal trattament tariffarju preferenzjali, ibbażata fuq dokument ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini, għandha tkun soġġetta għal verifika, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li jirrilaxxa għaċ-ċirkolazzjoni libera l-prodotti jista' jitlob lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur, jekk l-esportatur jew ir-rikonsenjatur ikun irreġistrat fi Stat Membru ieħor, biex jipprovdilhom id-dokument dwar l-oriġini inizjali li jikkorrispondi għad-dokument ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini taħt verifika, fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba.

L-awtoritajiet doganali rikjedenti għandhom iwettqu l-verifika abbażi tad-dokument dwar l-oriġini inizjali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim preferenzjali kkonċernat.

5. Il-paragrafi 1, 2 u 4 għandhom japplikaw ukoll għas-sostituzzjoni tad-dokumenti ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini.

Artikolu 69a

Oriġini preferenzjali ta' prodotti pproċessati miksuba minn merkanzija li għandha oriġini preferenzjali

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Meta merkanzija mhux tal-Unjoni li jkollha oriġini preferenzjali skont ftehim preferenzjali titqiegħed taħt il-proċedura ta' proċessar attiv, il-prodotti pproċessati miksuba minnha għandhom, meta jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera, jitqiesu li għandhom l-istess oriġini preferenzjali bħal dik il-merkanzija.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) l-operazzjoni tal-ipproċessar tinvolvi wkoll merkanzija mhux tal-Unjoni minbarra dik imsemmija fil-paragrafu 1, inkluża merkanzija li għandha oriġini preferenzjali taħt ftehim preferenzjali differenti;

(b) il-prodotti pproċessati jkunu nkisbu minn oġġetti ekwivalenti kif imsemmi fl-Artikolu 223 tal-Kodiċi;

(c) l-awtoritajiet doganali jkunu awtorizzaw esportazzjoni mill-ġdid temporanja tal-oġġetti għal aktar ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 258 tal-Kodiċi.

3. Fejn ikun japplika l-paragrafu 1, dokument dwar l-oriġini stabbilit għall-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' proċessar attiv għandu jitqies bħala dokument dwar l-oriġini stabbilit għall-prodotti pproċessati.

Artikolu 70

Obbligu għall-pajjiżi benefiċjarji li jipprovdu kooperazzjoni amministrattiva

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-iskema tal-GSP, il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jimpenjaw ruħhom:

(a) li jdaħħlu fis-seħħ u jżommu l-istrutturi u s-sistemi amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni f'dak il-pajjiż tar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u f'din is-sottotaqsima, inkluż, fejn xieraq, il-ftehimiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni;

(b) li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkooperaw mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha tikkonsisti minn:

(a) l-għoti tal-appoġġ kollu neċessarju f'każ ta' talba mill-Kummissjoni għall-monitoraġġ minnha tal-ġestjoni xierqa tal-iskema tal-GSP fil-pajjiż ikkonċernat, inklużi żjarat ta' verifika fuq il-post mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri;

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 106 u 108, il-verifika tal-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u f'din is-sottotaqsima, inklużi żjarat fuq il-post, fejn mitlub mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

4. Meta pajjiż benefiċjarju jkun tneħħa mill-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***), ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 72, l-Artikolu 80, l-Artikolu 87(1) u l-Artikolu 108 ta' dan ir-Regolament għandhom ikomplu japplikaw għal dak il-pajjiż għal perjodu ta' 3 snin mid-data tat-tneħħija tiegħu minn dak l-Anness.

Artikolu 70a

Aċċettazzjoni tad-dokumenti dwar l-oriġini wara l-iskadenza tal-perjodu ta' validità tagħhom

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jaċċettaw bħala bażi għal talba għal trattament tariffarju preferenzjali dokument dwar l-oriġini li l-perjodu ta' validità tiegħu jkun skada, jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti koperti mid-dokument dwar l-oriġini jkunu ġew ippreżentati lid-dwana qabel id-data tal-iskadenza tal-validità tad-dokument fil-ħin tal-ħażna temporanja tagħhom jew tat-tqegħid tagħhom fil-proċeduri speċjali ta' tranżitu estern, ipproċessar attiv, ħażna doganali, dħul temporanju jew żona ħielsa;

(b) l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jivverifikaw it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

(a) id-dokument dwar l-oriġini għandu jkun fil-pussess tad-dikjarant għall-ħażna temporanja jew il-proċedura speċjali u rreġistrat kif xieraq fir-rekords tad-dikjarant;

(b) id-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti għandha tirreferi għad-dokument dwar l-oriġini relatat ma' dawk il-prodotti li jkunu nħażnu temporanjament jew li jkunu tqiegħdu taħt il-proċedura speċjali;

(c) il-pajjiż ta' oriġini preferenzjali u r-referenzi tad-dokument dwar l-oriġini għandhom jew jistgħu, skont kif ikun xieraq, jiġu indikati fid-dikjarazzjoni doganali għall-proċedura speċjali applikata, f'konformità mar-rekwiżiti komuni tad-data stabbiliti fl-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 għal dik id-dikjarazzjoni doganali;

(d) it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali ma tistax issir aktar minn sentejn wara d-data tal-ħruġ tad-dokument dwar l-oriġini jew meta jsir.

3. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jaċċettaw ukoll bħala bażi għal talba għal trattament tariffarju preferenzjali dokument dwar l-oriġini li l-perjodu ta' validità tiegħu jkun skada, f'ċirkostanzi għajr dawk deskritti fil-paragrafu 1, fejn previst fil-ftehim preferenzjali li għall-finijiet tiegħu jkun ġie stabbilit dak id-dokument.

Artikolu 72

Obbligu għall-pajjiżi benefiċjarji li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ismijiet, l-indirizzi u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet li jinsabu fit-territorju tagħhom li huma:

(a) parti mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiż ikkonċernat jew li jaġixxu taħt l-awtorità tal-gvern tagħhom, u li huma kompetenti biex jirreġistraw lill-esportaturi fis-sistema REX u li jimmodifikaw u jaġġornaw id-data tar-reġistrazzjoni u jirrevokaw ir-reġistrazzjonijiet;

(b) parti mill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiż ikkonċernat u huma responsabbli biex jiżguraw il-kooperazzjoni amministrattiva mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kif previst fl-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u f'din is-sottotaqsima.

3. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni nnotifikata skont il-paragrafu 1.

Artikolu 80

Reġistrazzjoni tal-esportaturi f'pajjiż benefiċjarju fis-sistema REX

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

2. Mal-wasla tal-formola tal-applikazzjoni mimlija msemmija fl-Anness 22-06B, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom jassenjaw mingħajr dewmien numru tal-esportatur reġistrat lill-esportatur u jdaħħlu fis-sistema REX in-numru tal-esportatur reġistrat, id-data tar-reġistrazzjoni u d-data minn meta r-reġistrazzjoni tkun valida f'konformità mal-Artikolu 86a(3).

Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju jqisu li l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni ma tkunx kompluta, huma għandhom jgħarrfu lill-esportatur dwar dan mingħajr dewmien.

L-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju għandhom jgħarrfu lill-esportatur dwar in-numru tal-esportatur irreġistrat assenjat lil dak l-esportatur u dwar id-data minn meta r-reġistrazzjoni titqies bħala valida.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju għandhom iżommu d-data rreġistrata minnhom aġġornata. Huma għandhom jimmodifikaw dik id-data immedjatament wara li jkunu ġew informati bi kwalunkwe bidla fiha mill-esportatur irreġistrat f'konformità mal-Artikolu 89a(1). L-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju għandhom jinformaw lill-esportatur irreġistrat dwar il-modifika tad-data tar-reġistrazzjoni tiegħu jew tagħha.

L-esportaturi f'pajjiż benefiċjarju ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġu rreġistrati fis-sistema REX biex jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini għall-prodotti oriġinarji kkonsenjati meta l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx is-EUR 6 000 mid-data minn meta l-pajjiż benefiċjarju japplika r-reġistrazzjoni tal-esportaturi, f'konformità mal-Artikolu 87.

Artikolu 82

Pubblikazzjoni tad-data tar-reġistrazzjoni

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-data li ġejja disponibbli għall-pubbliku bil-kundizzjoni li l-esportatur ikun ta l-kunsens tiegħu kif speċifikat fil-kaxxa 6 tal-Anness 22-06A jew fl-Anness 22-06B, kif applikabbli:

(a) l-isem tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur reġistrat kif speċifikat fil-kaxxa 1 tal-Anness 22-06A jew fl-Anness 22-06B, kif xieraq;

(b) l-indirizz tal-post fejn l-esportatur jew ir-rikonsenjatur reġistrat huwa stabbilit kif speċifikat fil-kaxxa 1 tal-Anness 22-06A jew fl-Anness 22-06B, kif xieraq;

(c) id-dettalji ta' kuntatt tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur reġistrat kif speċifikat fil-kaxxi 1 u 2 tal-Anness 22-06A jew fl-Anness 22-06B, kif xieraq;

(d) in-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI, Economic Operators Registration and Identification number) tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur reġistrat kif speċifikat fil-kaxxa 1 tal-Anness 22-06A, jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-kummerċjant (TIN, Trader Identification Number) tal-esportatur irreġistrat kif speċifikat fil-kaxxa 1 tal-Anness 22-06B;

(e) l-attività jew l-attivitajiet li l-esportatur jew ir-rikonsenjatur reġistrat ikun qiegħed iwettaq, kif speċifikat fil-kaxxa 3 tal-Anness 22-06A jew fl-Anness 22-06B, kif xieraq;

(f) deskrizzjoni tal-merkanzija li għaliha l-esportatur jew ir-rikonsenjatur reġistrat jista' jagħmel dokument dwar l-oriġini jew dokumenti ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini, inkluża lista indikattiva tal-intestaturi jew il-kapitoli tas-Sistema Armonizzata, kif speċifikat fil-kaxxa 4 tal-Anness 22-06A jew fl-Anness 22-06B, kif xieraq.

In-nuqqas ta' firma fil-kaxxa 6 tal-Anness 22-06A jew tal-Anness 22-06B, kif applikabbli, ma għandux jikkostitwixxi raġuni għar-rifjut tar-reġistrazzjoni tal-esportatur.

8. Il-Kummissjoni dejjem għandha tagħmel id-data li ġejja disponibbli għall-pubbliku:

(a) in-numru REX tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur;

(b) id-data tar-reġistrazzjoni tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur reġistrat;

(c) id-data minn meta r-reġistrazzjoni tkun valida;

(d) id-data tar-revoka tar-reġistrazzjoni, fejn applikabbli;

(e) informazzjoni dwar jekk ir-reġistrazzjoni fil-pajjiż benefiċjarju tal-GSP tapplikax ukoll għal esportazzjonijiet lejn in-Norveġja, l-Iżvizzera jew it-Turkija skont l-iskemi GSP ta' dawk il-pajjiżi;

(f) id-data tal-aħħar sinkronizzazzjoni bejn is-sistema REX u s-sit web pubbliku fejn tiġi ppubblikata d-data.

Artikolu 82a

Monitoraġġ tar-reġistrazzjoni fl-Unjoni

(l-Artikolu 23(5) tal-Kodiċi)

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23(5), it-tielet sentenza tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-esportaturi u tar-rikonsenjaturi reġistrati tal-Unjoni mal-obbligi li jirriżultaw mir-reġistrazzjoni tagħhom, permezz ta' metodi u f'intervalli ddeterminati abbażi ta' analiżi tar-riskju.

Artikolu 84

Awtoritajiet doganali tal-Istati Membri responsabbli għall-verifika tal-oriġini preferenzjali u għall-iżgurar tal-kooperazzjoni amministrattiva

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet, l-indirizzi u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet doganali tagħhom li huma responsabbli għalihom:

(a) il-verifika tal-oriġini preferenzjali tal-merkanzija;

(b) l-iżgurar ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri oħra, f'konformità mal-Artikolu 66, l-Artikolu 68b(3), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 69(3);

(c) l-iżgurar ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, li magħhom l-Unjoni għandha ftehimiet preferenzjali li jipprevedu skambju ta' dik l-informazzjoni ma' dawk il-pajjiżi;

(d) li l-esporaturi u rikonsenjaturi reġistrati ta' merkanzija fis-sistema REX, jimmodifikaw u jaġġornaw id-data tar-reġistrazzjoni u jirrevokaw ir-reġistrazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi:

(a) l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), lill-Istati Membri l-oħra;

(b) l-informazzjoni msemmija fil-punt (d), il-paragrafu 1, lill-pajjiżi terzi kkonċernati.

Artikolu 86

Proċedura għar-reġistrazzjoni fl-Unjoni

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Biex jiġi rreġistrat fis-sistema REX, esportatur jew rikonsenjatur ta' merkanzija stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni għandu jippreżenta applikazzjoni lill-awtoritajiet doganali kompetenti. L-applikazzjoni għandha ssir bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness 22-06A, u għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Anness.

1a. L-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jassenjaw numru lill-esportatur jew lir-rikonsenjatur tal-merkanzija u għandhom idaħħlu fis-sistema REX dak in-numru, id-data tar-reġistrazzjoni u d-data tal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida minn dik id-data ta' aċċettazzjoni.

2. Rappreżentant doganali stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni, li jaġixxi f'ismu stess jew f'isem persuna waħda jew aktar, jista' japplika għar-reġistrazzjoni fis-sistema REX. Meta r-rappreżentant u l-persuna rrappreżentata jkunu rreġistrati t-tnejn li huma, ir-rappreżentant għandu juża n-numru tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur reġistrat tal-persuna li tkun qiegħda tiġi rrappreżentata.

4. L-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom iżommu d-data rreġistrata minnhom stess aġġornata. Huma għandhom jimmodifikaw id-data fis-sistema REX immedjatament wara li jkunu ġew infurmati bi kwalunkwe bidla fiha mill-esportatur jew mir-rikonsenjatur reġistrat f'konformità mal-Artikolu 89(1). L-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jinformaw lill-esportatur jew lir-rikonsenjatur reġistrat bil-modifika tad-data tar-reġistrazzjoni tagħhom.

Artikolu 86a

Applikazzjoni għall-esportaturi biex jirreġistraw f'pajjiż benefiċjarju

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Biex jirreġistra fis-sistema REX, esportatur għandu jippreżenta applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju li fih ikollu l-kwartieri ġenerali tiegħu jew fejn dak l-esportatur ikun stabbilit b'mod permanenti.

L-applikazzjoni għandu jkun fiha d-dettalji speċifikati fl-Anness 22-06B, u għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Anness.

2. Għall-finijiet tal-esportazzjonijiet taħt l-iskema tal-GSP tal-Unjoni, tan-Norveġja, tal-Iżvizzera jew tat-Turkija, l-esportaturi għandhom ikunu meħtieġa jirreġistraw darba biss.

Għandu jiġi assenjat numru ta' esportatur irreġistrat lill-esportatur mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju bil-għan li jkun jista' jesporta taħt l-iskemi GSP tal-Unjoni, tan-Norveġja, tal-Iżvizzera u tat-Turkija, sakemm dawk il-pajjiżi jkunu rrikonoxxew il-pajjiż li għalih saret ir-reġistrazzjoni bħala pajjiż benefiċjarju.

3. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju jirċievu applikazzjoni kompleta u korretta għar-reġistrazzjoni, f'konformità mal-paragrafi 1.

Artikolu 87

Applikazzjoni tas-sistema REX mill-pajjiżi benefiċjarji

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha d-data li fiha l-pajjiżi benefiċjarji jibdew japplikaw is-sistema REX. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik l-informazzjoni aġġornata.

2. Biex ikun intitolat japplika s-sistema REX imsemmija fl-Artikolu 68a, pajjiż benefiċjarju għandu jissottometti lill-Kummissjoni qabel id-data li fiha l-pajjiż benefiċjarju jibda r-reġistrazzjoni tal-esportaturi tiegħu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-impriża msemmija fl-Artikolu 70(1);

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 72(1).

Artikolu 89

Ġestjoni tar-reġistrazzjoni fl-Unjoni

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi reġistrati għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet doganali kompetenti bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li jkunu pprovdew għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħhom.

2. L-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi reġistrati li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-merkanzija skont ftehimiet preferenzjali jew ir-rikonsenjar tal-merkanzija għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali kompetenti kif xieraq.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23(3) u l-Artikolu 28(1) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jirrevokaw ir-reġistrazzjoni ta' esportaturi jew rikonsenjaturi reġistrati, jekk:

(a) ikunu waqqfu l-attivitajiet tagħhom bħala esportaturi jew rikonsenjaturi reġistrati;

(b) ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni jew ir-rikonsenjar tal-merkanzija;

(c) ikunu infurmaw lill-awtoritajiet doganali kompetenti li ma għadx għandhom l-intenzjoni li jesportaw jew li jirrikonsenjaw il-merkanzija;

(d) ripetutament jagħmlu, jew jikkawżaw li jsir, dokument dwar l-oriġini li jkun fih informazzjoni żbaljata u li jwassal biex jinkiseb trattament tariffarju preferenzjali b'mod illeċitu;

(e) ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont il-ftehimiet preferenzjali kkonċernati.

4. L-awtoritajiet doganali kompetenti jistgħu jirrevokaw ir-reġistrazzjoni jekk l-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi reġistrati jonqsu milli jżommu d-data dwar ir-reġistrazzjoni tagħhom aġġornata.

8. Ir-revoka ta' reġistrazzjoni għandha titħassar f'każ ta' revoka skorretta. L-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi tal-merkanzija għandhom ikunu intitolati li jużaw in-numri tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur reġistrat assenjati lilhom mid-data tar-reġistrazzjoni.

9. L-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi tal-merkanzija li r-reġistrazzjoni tagħhom ġiet irrevokata jistgħu jressqu applikazzjoni ġdida għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 86. L-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi ta' merkanzija li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun ġiet revokata skont fil-paragrafu 3, il-punti (d) u (e), jew il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu rreġistrati mill-ġdid biss jekk jagħtu prova lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li jkun irreġistra li jkunu rrimedjaw is-sitwazzjoni li wasslet għar-revoka tar-reġistrazzjoni tagħhom.

Artikolu 89a

Ġestjoni tar-reġistrazzjonijiet f'pajjiż benefiċjarju

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-esportaturi rreġistrati għandhom jgħarrfu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li pprovdew għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tagħhom.

2. L-esportaturi rreġistrati li ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-merkanzija taħt l-iskema tal-GSP, jew li ma għadx għandhom il-ħsieb li jesportaw merkanzija taħt l-iskema tal-GSP, għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju kif xieraq.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju għandhom jirrevokaw ir-reġistrazzjoni tal-esportaturi rreġistrati jekk dawk l-esportaturi rreġistrati:

(a) ma jibqgħux jeżistu;

(b) ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-prodotti taħt l-iskema tal-GSP;

(c) ikunu għarrfu lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju li ma għadx għandhom il-ħsieb li jesportaw merkanzija skont l-iskema tal-GSP;

(d) ripetutament jagħmlu, jew jikkawżaw li ssir, dikjarazzjoni dwar l-oriġini li jkun fiha informazzjoni żbaljata u li twassal biex jinkiseb il-benefiċċju ta' trattament tariffarju preferenzjali b'mod illeċitu;

(e) ma jirrispettawx l-obbligi tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 91.

4. L-awtorità kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju tista' tirrevoka r-reġistrazzjoni jekk l-esportaturi rreġistrati jonqsu milli jżommu d-data dwar ir-reġistrazzjoni tagħhom aġġornata.

5. L-awtorità kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju għandha tinforma lill-esportaturi rreġistrati dwar ir-revoka tar-reġistrazzjoni tagħhom u dwar id-data minn meta tidħol fis-seħħ ir-revoka.

6. Ir-revoka ta' reġistrazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini magħmula wara d-data li fiha l-esportatur irreġistrat ikun ġie mgħarraf bir-revoka.

7. Għandu jkun disponibbli rimedju ġudizzjarju għall-esportaturi fil-każ ta' revoka tar-reġistrazzjoni tagħhom.

8. Ir-revoka ta' reġistrazzjoni għandha titħassar f'każ ta' revoka skorretta. L-esportatur għandu jkompli jkun intitolat li juża n-numri ta' esportatur irreġistrat assenjati lilu fil-ħin tar-reġistrazzjoni.

9. L-esportaturi li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun ġiet revokata jistgħu jwettqu applikazzjoni ġdida għar-reġistrazzjoni fis-sistema REX. L-esportaturi li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun ġiet revokata f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (d) jew il-paragrafu 4, jistgħu jirreġistraw mill-ġdid biss jekk jagħtu prova lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju li kien irreġistrahom li rrimedjaw is-sitwazzjoni li wasslet għar-revoka tar-reġistrazzjoni tagħhom.

Artikolu 89b

Ġestjoni tar-reġistrazzjonijiet meta pajjiż jitneħħa jew jiġi rtirat temporanjament mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji, jew jekk jiżdied ma' dik il-lista jew jiddaħħal mill-ġdid fiha

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Ir-reġistrazzjonijiet kollha tal-esportaturi f'pajjiż benefiċjarju ma għandhomx jibqgħu validi skont l-iskema tal-GSP meta l-pajjiż benefiċjarju jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jew meta t-trattament tariffarju preferenzjali mogħti lill-pajjiż benefiċjarju jkun ġie rtirat temporanjament f'konformità ma' dak ir-Regolament għall-prodotti kollha esportati minn dak il-pajjiż benefiċjarju.

Ir-reġistrazzjonijiet kollha tal-esportaturi f'pajjiż benefiċjarju għandhom jiġu revokati mill-Kummissjoni meta l-pajjiż benefiċjarju jkun tneħħa mil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tal-iskemi GSP tal-Unjoni, tan-Norveġja, tal-Iżvizzera u tat-Turkija u meta l-pajjiż benefiċjarju ma japplikax is-sistema REX fil-kuntest ta' ftehim preferenzjali mal-Unjoni.

2. Meta pajjiż benefiċjarju jiżdied jew jiġi introdott mill-ġdid fil-lista ta' pajjiżi benefiċjarji stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, jew meta l-irtirar temporanju tat-trattament tariffarju preferenzjali mogħti lill-pajjiż benefiċjarju jiġi fi tmiemu, il-Kummissjoni għandha tattiva jew tirriattiva r-reġistrazzjonijiet tal-esportaturi kollha rreġistrati f'dak il-pajjiż dment li d-data tar-reġistrazzjoni tal-esportaturi tkun disponibbli fis-sistema u tkun baqgħet valida mill-inqas għall-iskema tal-GSP tan-Norveġja, tal-Iżvizzera jew tat-Turkija.

Sottotaqsima 3

Regoli proċedurali tal-oriġini għall-finijiet tal-iskema tal-GSP tal-Unjoni

Artikolu 91

Obbligi tal-esportaturi rreġistrati

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-esportaturi rreġistrati għandhom jikkonformaw mal-obbligi li ġejjin:

(a) għandhom iżommu reġistri tal-kontabbiltà xierqa rigward il-produzzjoni u l-provvista tal-merkanzija li tikkwalifika għal trattament tariffarju preferenzjali;

(b) għandhom iżommu disponibbli l-evidenza kollha relatata mal-materjali użati fil-manifattura;

(c) għandhom iżommu d-dokumentazzjoni doganali kollha relatata mal-materjali użati fil-manifattura;

(d) għandhom iżommu, għal tal-inqas 3 snin minn tmiem is-sena kalendarja li fiha saret id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, jew għal aktar żmien jekk jintalbu jagħmlu dan mil-liġi nazzjonali, rekords ta':

(i) id-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini li għamlu;

(ii) ir-rendikonti tal-materjali, tal-produzzjoni u tal-istokkijiet oriġinarji u mhux oriġinarji tagħhom;

(e) għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju kopji jew lista tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini li jkunu għamlu.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tippermetti li l-materjali użati fil-manifattura tal-prodotti esportati jiġu traċċati u li l-istatus oriġinarju tagħhom jiġi kkonfermat. L-informazzjoni tista' tinżamm f'format elettroniku.

Artikolu 92

Dispożizzjonijiet ġenerali fuq id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

3. Id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandu jkun fiha d-dettalji speċifikati fl-Anness 22-07. Din għandha tinħareġ bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bl-Ispanjol.

Din tista' ssir fuq kwalunkwe dokument li jippermetti l-identifikazzjoni tal-esportatur irreġistrat ikkonċernat u tal-prodotti involuti.

L-esportatur ma għandux ikun meħtieġ jiffirma d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll għal dan li ġej:

(a) dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini magħmula fl-Unjoni għall-fini ta' akkumulazzjoni bilaterali;

(b) dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini magħmula fl-Unjoni għal merkanzija esportata lejn pajjiż benefiċjarju tal-iskemi GSP tan-Norveġja, tal-Iżvizzera jew tat-Turkija għall-fini ta' akkumulazzjoni għal materjali li joriġinaw fl-Unjoni.

5. L-esportaturi, ladarba jiġu rreġistrati, għandhom jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini għall-prodotti oriġinarji kollha kkonsenjati mid-data minn meta r-reġistrazzjoni tagħhom tkun valida f'konformità mal-Artikolu 86a(3), ikun xi jkun il-valur tal-kunsinna tagħhom.

Artikolu 92a

Rekwiżit ġenerali li jintalab trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 103, dikjarazzjoni dwar l-oriġini li tindika li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 58, tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u f'din is-sottotaqsima, magħmula minn esportatur irreġistrat fil-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni, jew dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini magħmula minn rikonsenjatur ta' merkanzija rreġistrat fl-Unjoni jew fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera, għandha tkun il-bażi għat-talba għal trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP.

Artikolu 93

Dikjarazzjoni dwar l-oriġini fil-każ ta' akkumulazzjoni

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Bil-għan li tiġi stabbilita l-oriġini preferenzjali tal-materjali użati taħt akkumulazzjoni bilaterali, akkumulazzjoni reġjonali jew akkumulazzjoni man-Norveġja, l-Iżvizzera jew it-Turkija, l-esportatur ta' prodott manifatturat bl-użu ta' materjali li joriġinaw f'pajjiż li miegħu hija permessa l-akkumulazzjoni għandu jibbaża fuq id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini pprovduta mill-esportatur irreġistrat ta' dawk il-materjali.

2. Bil-għan li tiġi stabbilita l-oriġini preferenzjali tal-materjali użati fil-qafas ta' akkumulazzjoni estiża, l-esportatur irreġistrat ta' prodott manifatturat bl-użu ta' materjali li joriġinaw f'pajjiż terz li miegħu hija permessa akkumulazzjoni estiża għandu jibbaża fuq id-dokument dwar l-oriġini pprovdut mill-esportatur ta' dawk il-materjali bil-kundizzjoni li dak id-dokument ikun inħareġ jew sar f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' kummerċ ħieles rilevanti bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur irreġistrat tal-prodott għandu jkun fiha waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin: "Cumulation with country(ies) x/y", "Cumul avec le(s) pays x/y", "Acumulación con el(los) país(paeses) x/y".

4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju fejn jintużaw il-materjali għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 106 għall-fini tal-verifika tal-oriġini preferenzjali ta' dawk il-materjali.

Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju fejn jintużaw il-materjali għandhom japplikaw il-proċeduri stabbiliti fil-ftehim ta' kummerċ ħieles rilevanti tal-Unjoni biex tiġi vverifikata l-oriġini preferenzjali ta' dawk il-materjali.

Artikolu 99

Validità ta' dikjarazzjoni dwar l-oriġini

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Għandha tinħareġ dikjarazzjoni dwar l-oriġini għal kull kunsinna.

2. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tkun valida għal 12-il xahar mid-data li fiha tinħareġ.

3. Fuq talba tal-importatur, dikjarazzjoni dwar l-oriġini waħda tista' tkopri aktar minn kunsinna waħda jekk il-merkanzija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tiġi ppreżentata mhux armata jew żarmata skont it-tifsira tar-regola Interpretattiva Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata;

(b) taqa' taħt it-Taqsima XVI jew it-Taqsima XVII jew l-intestatura 7308 jew l-intestatura 9406 tas-Sistema Armonizzata;

(c) tkun maħsuba li tiġi importata b'pagamenti parzjali, f'perjodu ddeterminat mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-importazzjoni li jissorveljaw ir-rilaxxi suċċessivi għal ċirkolazzjoni ħielsa għandhom jivverifikaw li l-konsenji suċċessivi huma parti mill-prodotti żarmati jew mhux armati li għalihom tkun inħarġet id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

Artikolu 100

Ammissibbiltà ta' talba għal trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

Sabiex dikjarant ikun intitolat jitlob trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP, il-merkanzija għandha tkun ġiet esportata fid-data li fiha l-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni jkun beda japplika s-sistema REX f'konformità mal-Artikolu 87.

Artikolu 101

Sostituzzjoni tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini fl-Unjoni għall-finijiet tal-iskema tal-GSP tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

L-Artikolu 69(1), (2) u (4) għandu japplika għall-fini li l-prodotti oriġinarji kollha jew uħud minnhom jintbagħtu lejn in-Norveġja jew l-Iżvizzera.

Artikolu 102

Proċedura biex jintalab trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Meta dikjarant jitlob trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP, għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew għad-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Dik ir-referenza għandha tiddaħħal fil-forma tal-kodiċi għal dak it-tip ta' dokument ta' sostenn, segwita mid-data ta' meta jsir bil-format *ssssxxjj*, fejn *ssss* hija s-sena, *xx* hija x-xahar u *jj* hija l-jum. Meta l-valur totali tal-prodotti oriġinarji li ġew ikkunsinnati jaqbeż is-EUR 6 000, id-dikjarant għandu jindika wkoll in-numru tal-esportatur irreġistrat.

Din it-talba tista' ssir b'mod retrospettiv f'konformità mal-Artikolu 56(3), it-tieni sentenza tal-Kodiċi.

3. Qabel ma jitlob trattament tariffarju preferenzjali, id-dikjarant għandu jieħu ħsieb li jiżgura li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u f'din is-sottotaqsima, b'mod partikolari billi jivverifika ż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) li fuq is-sit web pubbliku li l-esportatur huwa rreġistrat fis-sistema REX b'numru validu, fejn il-valur totali tal-prodotti oriġinarji kkunsinnati jaqbeż is-EUR 6 000;

(b) li d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini ssir f'konformità mal-Anness 22-07.

Artikolu 103

Eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' dikjarazzjoni dwar l-oriġini

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Il-prodotti li ġejjin għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit ta' dikjarazzjoni dwar l-oriġini:

(a) il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati, li l-valur totali tagħhom ma jkunx ta' aktar minn EUR 500;

(b) il-prodotti li jifformaw parti mill-bagalja personali tal-vjaġġaturi, li l-valur totali tagħhom ma jkunx ta' aktar minn EUR 1 200.

2. Il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jiġux importati għall-finijiet ta' kummerċ;

(b) ikunu ġew iddikjarati bħala li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jibbenifikaw mill-iskema tal-GSP;

(c) ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità tad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (b).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (a), l-importazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet għall-finijiet ta' kummerċ jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-importazzjonijiet ikunu okkażjonali;

(b) l-importazzjonijiet ikunu jikkonsistu biss minn prodotti maħsuba għall-użu personali tal-benefiċjarji jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom;

(c) ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemm l-ebda skop kummerċjali.

Artikolu 104

Diskrepanzi u żbalji formali f'dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dettalji inklużi f'dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew fid-dokument li fih issir dikjarazzjoni dwar l-oriġini, u dawk imsemmija fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti, ma għandhiex tagħmel id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini nulla u bla effett jekk ikun stabbilit kif xieraq li d-dikjarazzjoni tikkorrispondi għall-prodotti ddikjarati.

2. L-iżbalji formali ovvji bħal żbalji tipografiċi f'dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew fid-dokument li fih issir dikjarazzjoni dwar l-oriġini, ma għandhomx iwasslu biex id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini tiġi miċħuda jekk dawk l-iżbalji ma joħolqux dubji dwar il-korrettezza tagħha.

Artikolu 106

Verifika ta' talbiet għal trattament tariffarju preferenzjali

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom iwettqu ġestjoni tar-riskju u jwettqu kontrolli doganali f'konformità mal-Artikolu 46 tal-Kodiċi, għall-finijiet ta' verifika tat-talbiet għal trattament tariffarju preferenzjali skont l-iskema tal-GSP.

1a. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu, għall-finijiet tal-verifika msemmija fil-paragrafu 1, jitolbu lid-dikjarant jipprovdi, f'perjodu ta' żmien raġonevoli li għandu jiġi speċifikat u li ma jistax jaqbeż it-3 xhur, kwalunkwe evidenza disponibbli dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u ta' din is-sottotaqsima.

1b. Meta l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru jitolbu l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż benefiċjarju biex iwettqu l-verifika msemmija fil-paragrafu 1, huma għandhom jindikaw fit-talba tagħhom ir-raġunijiet għal dik il-verifika, jew li din issir b'mod aleatorju bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju.

Kopja tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u kwalunkwe informazzjoni jew dokumenti addizzjonali li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija f'dik id-dikjarazzjoni ma hijiex korretta jistgħu jintbagħtu b'appoġġ għat-talba għall-verifika.

L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru rikjedenti għandhom jistabbilixxu skadenza inizjali ta' 6 xhur lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju biex jikkomunikaw ir-riżultati tal-verifika, li tibda mid-data tat-talba għal verifika.

1c. Meta ma jkun hemm l-ebda tweġiba sal-iskadenza speċifikata fil-paragrafu 1b jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni biex jiġi ddeterminat l-istatus oriġinarju tal-prodotti, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 30 jum mill-iskadenza stabbilita fl-ewwel talba jew mid-data tal-wasla tat-tweġiba li jkun fiha informazzjoni insuffiċjenti, għandha tintbagħat it-tieni komunikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju, li tistabbilixxi skadenza ulterjuri ta' 6 xhur.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jissospendu l-applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali għad-durata tal-proċedura ta' verifika. Fl-istennija għall-informazzjoni mitluba mid-dikjarant kif imsemmi fil-paragrafu 1a, jew għar-riżultati tal-proċedura ta' verifika msemmija fil-paragrafi 1b u 1c, ir-rilaxx tal-prodotti għandu jiġi offrut lid-dikjarant soġġett għal garanzija jew għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni ġġudikata bħala meħtieġa.

Artikolu 106a

Verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini magħmula fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera – limiti ta' żmien

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Għall-finijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fil-punt 6(a) tal-Ftehimiet fil-forma ta' Skambji ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (****) u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera (*****) dwar l-akkumulazzjoni tal-oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ("il-Ftehimiet"), l-awtoritajiet

doganali tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru bir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti bir-riżultati tal-proċedura ta' verifika msemmija fl-Artikolu 106, fi żmien 16-il xahar mit-talba. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba ma tkunx f'pożizzjoni li tittratta t-talba għal verifika, dik l-awtorità għandha tinforma lill-awtoritajiet doganali rikjedenti bir-raġunijiet.

L-Artikolu 108(1) għandu japplika għal talbiet mibgħuta lill-awtoritajiet doganali tan-Norveġja u tal-Iżvizzera għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini maħruġa fit-territorju tagħhom, bil-għan li dawn l-awtoritajiet jintalbu jkomplu jikkollaboraw mal-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż benefiċjarju.

2. Għall-finijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fil-punt 6(b) tal-Ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru bir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti bid-dikjarazzjoni inizjali dwar l-oriġini li tikkorrispondi għad-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini soġġetta għal verifika jew, fejn xieraq, kopja ta' dak id-dokument dwar l-oriġini inizjali, fi żmien xahrejn minn meta tasal it-talba.

3. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għal talbiet għal kooperazzjoni amministrattiva mibgħuta mill-awtoritajiet doganali tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri f'konformità mal-punt 6 tal-Ftehimiet.

Artikolu 107

Rifjut li jingħata trattament preferenzjali

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru għandhom jirrifjutaw li jagħtu trattament tariffarju preferenzjali mingħajr ma jkunu obbligati jitolbu kwalunkwe evidenza addizzjonali jew jibagħtu talba għal verifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju, meta tiġi ssodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti ma jkunux l-istess bħal dawk imsemmija fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew fid-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini;

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 103, id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew id-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini għall-prodotti kkonċernati ma tkunx fil-pussess tad-dikjarant;

(c) id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, għall-prodotti li l-valur totali tagħhom jaqbeż EUR 6 000, jew id-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini ma tkunx saret minn esportatur irreġistrat;

(d) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 103, id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew id-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini ma tkunx saret f'konformità mal-Anness 22-07 jew f'konformità mal-Anness 22-20;

(e) il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 ma jiġux issodisfati.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru għandhom jirrifjutaw li jagħtu trattament tariffarju preferenzjali, wara talba għal verifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju, meta l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru:

(a) ikunu rċevew tweġiba skont liema l-esportatur ma kienx intitolat li jagħmel id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(b) ikunu rċevew tweġiba skont liema l-prodotti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u f'din is-sottotaqsima;

(c) ma jkunux irċevew tweġiba fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 106(1), il-punt (a), jew ikunu rċevew tweġiba u l-informazzjoni pprovduta ma tkunx adegwata biex tiddetermina l-istatus oriġinarju tal-prodott.

L-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c) għandhom japplikaw għad-dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini magħmula fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera.

Artikolu 108

Obbligi għall-pajjiżi benefiċjarji biex jikkontrollaw l-istatus oriġinarju tal-prodotti

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. Għall-fini tal-iżgurar tal-konformità mar-regoli dwar l-istatus oriġinarju tal-prodotti, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju għandhom iwettqu fuq inizjattiva proprja dan li ġej:

(a) verifiki tal-istatus oriġinarju tal-prodotti;

(b) kontrolli regolari fuq l-esportaturi rreġistrati.

Dawn il-verifiki u kontrolli għandhom jitwettqu f'intervalli stabbiliti abbażi ta' kriterji xierqa ta' analiżi tar-riskji. Għal dak il-għan, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi benefiċjarji għandha tirrikjedi lill-esportaturi jipprovdu kopji jew lista tad-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini maħruġa minnhom, f'konformità mal-Artikolu 91(1), il-punt (e).

Malli jirċievu talba għal verifika msemmija fl-Artikolu 106, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom jivverifikaw, fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fit-talba għal verifika, li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u f'din is-sottotaqsima huma ssodisfati. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom iwieġbu għat-talba għal verifika sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 106 ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe prova u li jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur u, fejn xieraq, dawk tal-produtturi li jfornuh, inkluż fil-bini tiegħu, jew inkella li jwettqu kwalunkwe kontroll ieħor meqjus bħala xieraq.

3. Meta l-verifika għal talba għal trattament tariffarju preferenzjali kif imsemmi fl-Artikolu 106, jew kwalunkwe informazzjoni disponibbli oħra tidher li tindika li r-regoli dwar l-oriġini qegħdin jinkisru, il-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni, iwettaq inkjesti xierqa jew jagħmel l-arranġamenti biex dawn l-inkjesti jkunu jistgħu jitwettqu b'urġenza xierqa bil-għan li jiġu identifikati u pprevenuti dawn il-kontravenzjonijiet. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-inkjesti.

Artikolu 112

Ceuta u Melilla

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-Artikoli 41 sa 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 għandhom japplikaw biex jiġi ddeterminat jekk il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju meta jiġu esportati lejn Ceuta jew Melilla jew bħala li joriġinaw f'Ceuta u Melilla meta jiġu esportati lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.

2. L-Artikoli 84 sa 93 għandhom japplikaw għall-prodotti esportati minn pajjiż benefiċjarju lejn Ceuta jew Melilla u għall-prodotti esportati minn Ceuta jew Melilla lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.

3. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u dwar it-tqassim ġeografiku għal statistika oħra tan-negozju (ĠU L 334, 13.10.2020, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1470/oj).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-arranġamenti tekniċi għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/512, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/512/oj).

(***) ([3])* Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/978/oj).

(****) ([4])* Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (ĠU L 24, 28.1.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2019/116/oj).

(*****) ([5])* Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (ĠU L 25, 29.1.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2019/131/oj).";

(8) fit-Titolu II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2, tiżdied is-Sottotaqsima 13 li ġejja:

"Sottotaqsima 13

Regoli proċedurali biex jiġi ffaċilitat l-użu tas-sistema elettronika relatata ma' dokumenti dwar l-oriġini

Artikolu 126a

Sistema elettronika relatata ma' dokumenti dwar l-oriġini

(l-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi)

1. Għandha tintuża sistema elettronika ċentralizzata stabbilita mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi għall-ipproċessar, l-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ, is-sottomissjoni u l-ġestjoni ta' talbiet għal verifika, il-kooperazzjoni amministrattiva u l-verifika online tal-awtenticità u l-validità relatati ma' dokumenti dwar l-oriġini previsti fi ftehimiet preferenzjali tal-Unjoni, inkluż għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u l-kooperazzjoni amministrattiva f'dak ir-rigward.

2. Għal kull waħda mill-funzjonalitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħmel is-sistema elettronika għaċ-Ċertifikati tal-Prova tal-Oriġini (is-"sistema e-PoC tal-UE") disponibbli għall-Istati Membri u, fejn previst fi ftehimiet preferenzjali tal-Unjoni, għal pajjiżi terzi jew territorji li jibbenefikaw mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (d) jew (e) tal-Kodiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 126b ta' dan ir-Regolament.

3. Meta jkun previst fil-ftehimiet preferenzjali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess online sigur għas-sistema e-PoC tal-UE għall-verifika tal-awtenticità u l-validità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u dokumenti oħra dwar l-oriġini lill-awtoritajiet doganali ta' pajjiżi terzi jew territorji kif ukoll aċċess online pubbliku għal informazzjoni dwar il-validità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interkonnessjoni bejn is-sistema e-PoC tal-UE u s-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (EU CSW-CERTEX) stabbilita bir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). L-Istati Membri għandhom jagħmlu interkonnessjoni bejn l-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana ma' EU CSW-CERTEX bil-għan li jippermettu l-verifika awtomatizzata taċ-ċertifikati tal-oriġini.

Artikolu 126b

Regoli proċedurali għall-użu tas-sistema e-PoC tal-UE

(l-Artikolu 64(1) tal-Kodiċi)

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jużaw is-sistema e-PoC tal-UE biex jissottomettu applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 previsti fil-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (**) ("il-Konvenzjoni PEM") mis-26 ta' Ġunju 2030.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema e-PoC tal-UE biex joħorġu ċertifikati tal-moviment EUR.1 previsti fil-Konvenzjoni PEM mis-26 ta' Ġunju 2030.

3. Fejn jiġi stabbilit skambju elettroniku permezz tas-sistema e-PoC bejn l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u dawk ta' parti kontraenti waħda jew aktar għall-Konvenzjoni PEM, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema e-PoC tal-UE għall-iskambju ta' ċertifikati tal-moviment EUR.1 previsti f'dik il-Konvenzjoni u maħruġa elettronikament ma' dawk l-awtoritajiet mid-data speċifikata fil-ftehimiet rilevanti, iżda mhux aktar kmieni mit-23 ta' Ġunju 2032.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema e-PoC tal-UE jew jagħmlu interkonnessjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom li jintużaw għall-e-PoC tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva fl-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tal-verifika tad-dokumenti dwar l-oriġini u d-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, mis-26 ta' Ġunju 2030.

5. Meta jkun previst fi ftehimiet bejn l-Unjoni u l-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni PEM, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema e-PoC tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva mal-awtoritajiet doganali ta' dawk il-pajjiżi jew it-territorji mid-data speċifikata f'tali ftehimiet, iżda mhux aktar kmieni mis-26 ta' Ġunju 2030.

6. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jużaw l-interkonnessjoni msemmija fl-Artikolu 126a(4) biex jiskambjaw awtomatikament informazzjoni rilevanti bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema e-PoC tal-UE għall-finijiet ta' verifika li l-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 previsti fil-Konvenzjoni PEM tikkorrispondi għall-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjonijiet doganali mid-29 ta' Ġunju 2033.

7. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-iskambji awtomatizzati ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6:

(a) L-Artikolu 163(1), it-tieni sentenza tal-Kodiċi;

(b) l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1) sa (4), l-Artikoli 6 u 7, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 8(3), il-punti (b) u (c), l-Artikolu 8(5), l-Artikolu 9, l-Artikolu 10(1) u (2) u l-Artikoli 16 sa 20 tar-Regolament (UE) 2022/2399;

(c) l-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1), il-punti (a) u (c), l-Artikolu 5(2), l-Artikoli 6 sa 11, l-Artikolu 12(1), il-punti (a) u (b), l-Artikolu 12(2), u l-Artikoli 13 sa 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2145 (***);

(d) l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2514 (****).

(*) Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2399/oj).

(**) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/94(1)/oj.

(***) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2145 tal-31 ta' Lulju 2024 li jistabbilixxi regoli għall-iskambju ta' informazzjoni fis-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana skont ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/2145, 27.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2145/oj).

(****) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2514 tat-3 ta' Lulju 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-elementi tad-data li għandhom jiġu skambjati permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-lista ta' formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mill-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana (ĠU L, 2024/2514, 27.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2514/oj)."

(9) l-Anness 22-02 jitħassar;

(10) l-Anness 22-06 jitħassar;

(11) l-Anness 22-06A huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(12) it-test indikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness 22-06B;

(13) l-Anness 22-07 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(14) l-Annessi 22-08 u 22-09 jitħassru;

(15) l-Anness 22-15 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(16) l-Annessi 22-16, 22-17 u 22-18 jitħassru;

(17) l-Anness 22-19 jitħassar;

(18) l-Anness 22-20 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-23 ta' Diċembru 2027.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punti (2), (4), (5), (6), (9), (15) u (16) għandhom japplikaw mit-23 ta' Ġunju 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS 22-06A

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-esportaturi u tar-rikonsenjaturi fl-Unjoni (Sistema REX)

Din l-applikazzjoni tintuża għar-reġistrazzjoni tal-esportaturi u tar-rikonsenjaturi fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 86 ta' dan ir-Regolament.

Informazzjoni tar-Rappreżentant
(identifikazzjoni u dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant doganali fejn tali rappreżentant jissottometti l-applikazzjoni)
Numru EORI:
Isem:
Indirizz (triq, numru, kodiċi postali, belt, pajjiż):
Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tal-fax u/jew numru tat-telefon):

1. **Informazzjoni dwar l-esportatur**
(identifikazzjoni u dettalji ta' kuntatt tal-esportatur/tar-rikonsenjatur li għandu jiġi rreġistrat)
Numru EORI:
Isem:
Indirizz (triq, numru, kodiċi postali, belt, pajjiż):
Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tal-fax u/jew numru tat-telefon):
Persuna/i Oħra:
(indika jekk id-dokument dwar l-oriġini jistax isir mill-esportatur jew mir-rikonsenjatur fuq dokumenti maħruġa minn persuna waħda oħra jew aktar u pprovdi informazzjoni dwar dik il-persuna jew dawk il-persuni)
Isem:
Indirizz (triq, numru, kodiċi postali, belt, pajjiż):
Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tal-fax u/jew numru tat-telefon):

2. **Informazzjoni ta' Kuntatt tal-Esportatur**
(informazzjoni fakultattiva dwar il-persuna/i responsabbli għaż-żamma tal-kuntatt mal-awtoritajiet doganali fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-użu tagħha mill-esportatur/rikonsenjatur)
Isem:
Indirizz (triq, numru, kodiċi postali, belt, pajjiż):
Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tal-fax u/jew numru tat-telefon):

3. **Attivitajiet tal-Esportatur**
(speċifika mill-inqas attività waħda tal-esportatur u/jew tar-rikonsenjatur li għandhom jiġu rreġistrati)
Jipproduċu:
Jinnegozzjaw:
Jirrikonsenjaw:

4. **Deskrizzjoni tal-Merkanzija**
(indika mill-inqas tip wieħed ta' merkanzija li għalihom l-esportatur irreġistrat/ir-rikonsenjatur jista' jagħmel dokumenti dwar l-oriġini/ dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini)
Kodiċi tas-Sistema Armonizzata (intestaturi jew kapitoli tas-SA fejn il-merkanzija taqa' taħt aktar minn 20 intestatura tas-SA):
Deskrizzjoni:

5. **Impriżi**

Il-firmatarju hawn taħt b'dan:
— jiddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din l-applikazzjoni hija preċiża u kompluta;
— jiċċertifika li ma ġiet revokata l-ebda reġistrazzjoni preċedenti; min-naħa l-oħra, jiċċertifika li ssolviet is-sitwazzjoni li wasslet għal din ir-revoka;
— jimpenja ruħu li jagħmel dokumenti tal-oriġini biss għall-merkanzija li tikkwalifika għal trattament preferenzjali u li tkun konformi mar-regoli tal-oriġini speċifikati għal dik il-merkanzija fil-ftehim preferenzjali kkonċernat;
— jimpenja ruħu li jżomm reġistri xierqa tal-kontabbiltà kummerċjali għall-produzzjoni/provvista ta' merkanzija li tikkwalifika għal trattament preferenzjali u li jżomm id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa kollha, f'għamla xierqa, għal kemm jeżiġi l-ftehim preferenzjali kkonċernat, u għal mill-inqas tliet snin minn tmiem is-sena kalendarja li matulha jkunu saru d-dikjarazzjoni tal-oriġini jew id-dokument l-ieħor tal-oriġini;

— jimpenja ruħu li jinnotifika minnufih lill-awtoritajiet doganali bil-bidliet fl-informazzjoni pprovduta għall-fini ta' din ir-reġistrazzjoni;
— jimpenja ruħu li jipprovdi lill-awtoritajiet doganali bid-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa, f'għamla xierqa, u l-assistenza kollha meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet u l-kontrolli doganali;
— jimpenja ruħu li jaċċetta l-monitoraġġ ta' din ir-reġistrazzjoni u kwalunkwe kontroll fuq il-preċiżjoni tad-dokumenti tal-oriġini magħmula, inkluża l-verifika tar-rekords kontabilistiċi u ż-żjarat fil-bini tiegħu mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet doganali;
— jimpenja ruħu li jitlob ir-revoka tar-reġistrazzjoni tiegħu fis-sistema, jekk ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-merkanzija skont arranġamenti preferenzjali li japplikaw is-sistema tal-Esportaturi Rreġistrati, jew għar-rikonsenjar tal-merkanzija fl-Unjoni;
— jimpenja ruħu li jitlob ir-revoka tar-reġistrazzjoni tiegħu fis-sistema, jekk ma jkunx beħsiebu juża s-sistema tal-Esportaturi Rreġistrati.

Post tal-firma tal-firmatarju awtorizzat ([1]):
Data tal-firma tal-firmatarju awtorizzat:
Isem il-firmatarju awtorizzat:
Titlu tal-kariga tal-firmatarju awtorizzat:

6. **Il-kunsens infurmat u speċifiku minn qabel tal-esportatur għall-pubblikazzjoni tad-data tiegħu fuq is-sit web pubbliku**

Is-sottoskritt huwa b'dan infurmat li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni tista' tiġi żvelata lill-pubbliku permezz tal-websajt pubblika. Il-firmatarju hawn taħt jaċċetta l-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni fuq is-sit web pubbliku. Il-firmatarju hawn taħt jista' jirtira l-kunsens tiegħu għall-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni fuq is-sit web pubbliku billi jibgħat talba lill-awtoritajiet doganali responsabbli għar-reġistrazzjoni.

Post tal-firma tal-firmatarju awtorizzat ([1]):
Data tal-firma tal-firmatarju awtorizzat:
Isem il-firmatarju awtorizzat:
Titlu tal-kariga tal-firmatarju awtorizzat:

7. **Kaxxa għal użu uffiċjali mill-awtorità doganali**

Numru tar-Reġistrazzjoni tal-esportatur jew tar-rikonsenjatur: …
Data tar-reġistrazzjoni: …
Id-data minn meta r-reġistrazzjoni tkun valida: …

Firma u timbru ([1])

([1]) Meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew skambji oħra ta' informazzjoni bejn l-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi u l-awtoritajiet doganali ssir bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-data, il-firma msemmija fil-kaxxi 5, 6 u 7 għandha tiġi sostitwita b'awtentikazzjoni elettronika.

Avviż informattiv
dwar il-protezzjoni u l-ipproċessar tad-dejta personali inkorporata fis-sistema

1. Meta l-Kummissjoni tipproċessa d-data personali li tinsab f'din l-applikazzjoni, japplika r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. Id-data personali fir-rigward tal-applikazzjoni tiġi pproċessata għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-oriġini preferenzjali li jappartjenu għall-arranġamenti preferenzjali tal-Unjoni. Dawn ir-regoli jikkostitwixxu l-bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali fir-rigward tal-applikazzjoni.

3. L-awtorità doganali fi Stat Membru fejn tkun ġiet preżentata l-applikazzjoni hi l-kontrollur tal-ipproċessar tad-dejta fis-sistema REX.

   Il-lista ta' awtorità doganali kompetenti hija ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

4. L-aċċess għad-dejta kollha ta' din l-applikazzjoni jingħata b'ID u password lill-utenti fil-Kummissjoni, lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji u lill-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri, fin-Norveġja, fl-Iżvizzera u fit-Turkija.

5. Id-data ta' reġistrazzjoni revokata għandhom iżommuha l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju fis-sistema REX għal 10 snin kalendarji. Dan il-perjodu għandu jibda minn tmiem is-sena meta tkun saret ir-revoka tar-reġistrazzjoni.

6. Is-suġġett tad-data għandu d-dritt ta' aċċess għad-data dwaru li tiġi pproċessata fis-sistema REX u, meta xieraq, id-dritt li jirrettifika, iħassar jew jibblokka d-data f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.

7. L-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati lill-awtorità nazzjonali rilevanti għall-protezzjoni tad-dejta. Id-dettalji tal-kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni, fil-paġna tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja:
   https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/list-personal-data-protection-competent-authorities

   Inti għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu) jekk jidhirlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali mill-kontrollur tad-data.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE EC. (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).".

ANNESS II

"ANNESS 22-06B

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' esportaturi f'pajjiżi terzi (Sistema REX)

Din l-applikazzjoni tintuża għar-reġistrazzjoni ta' esportaturi f'pajjiżi terzi, skont l-Artikolu 80 ta' dan ir-Regolament.

1. **Informazzjoni dwar l-Esportatur**
(identifikazzjoni u dettalji ta' kuntatt tal-esportatur li għandu jiġi rreġistrat)
Numru ta' identifikazzjoni (fakultattiv):
Isem:
Indirizz (triq u numru, kodiċi postali, belt, u pajjiż):
Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tal-fax u/jew numru tat-telefon):
Persuna/i Oħra:
(indika jekk id-dokument tal-oriġini jistax isir mill-esportatur fuq dokumenti maħruġa minn persuna waħda jew aktar u pprovdi informazzjoni dwar dik il-persuna jew dawk il-persuni)
Isem:
Indirizz (triq u numru, kodiċi postali, belt, u pajjiż):
Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tal-fax u/jew numru tat-telefon):

2. **Informazzjoni ta' Kuntatt tal-Esportatur**
(informazzjoni fakultattiva dwar il-persuna/i responsabbli biex iżommu kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-użu tagħha mill-esportatur)
Isem:
Indirizz (triq u numru, kodiċi postali, belt, u pajjiż):
Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tal-fax u/jew numru tat-telefon):

3. **Attivitajiet tal-Esportatur**
(speċifika mill-inqas attività waħda tal-esportatur li għandu jiġi rreġistrat).
Jipproduċu:
Jinnegozjaw:

4. **Id-Deskrizzjoni tal-Merkanzija**
(indika mill-inqas tip wieħed ta' oġġetti li għalihom l-esportatur irreġistrat jista' jagħmel dokumenti dwar l-oriġini)
Kodiċi tas-Sistema Armonizzata (intestaturi jew kapitoli tas-SA fejn il-merkanzija taqa' taħt aktar minn 20 intestatura tas-SA):
Deskrizzjoni:

5. **Impriżi**
Il-firmatarju hawn taħt b'dan:
— jiddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din l-applikazzjoni hija preċiża u kompluta;
— jiċċertifika li ma ġiet revokata l-ebda reġistrazzjoni preċedenti; min-naħa l-oħra, jiċċertifika li ssolviet is-sitwazzjoni li wasslet għal din ir-revoka;
— jimpenja ruħu li jagħmel dokumenti tal-oriġini biss għall-merkanzija li tikkwalifika għal trattament preferenzjali u li tkun konformi mar-regoli tal-oriġini speċifikati għal dik il-merkanzija fil-ftehim preferenzjali kkonċernat;
— jimpenja ruħu li jżomm reġistri xierqa tal-kontabbiltà kummerċjali għall-produzzjoni/provvista ta' merkanzija li tikkwalifika għal trattament preferenzjali u li jżommhom għal kemm jeżiġi l-ftehim preferenzjali kkonċernat, u għal mill-inqas tliet snin minn tmiem is-sena kalendarja li matulha tkun sar id-dokument tal-oriġini;
— jimpenja ruħu li minnufih jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar bidliet hekk kif jinqalgħu fir-reġistrazzjoni tad-data tiegħu minn meta jkun kiseb in-numru ta' esportatur irreġistrat;
— jimpenja ruħu li jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni;
— jimpenja ruħu li jaċċetta kwalunkwe kontroll dwar il-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tiegħu tal-oriġini, inkluż verifiki tar-reġistri tal-kontabbiltà u żjarat fuq il-post tiegħu mill-awtoritajiet responsabbli għar-reġistrazzjoni;

— jimpenja ruħu li jitlob ir-revoka tar-reġistrazzjoni tiegħu fis-sistema, jekk ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni ta' merkanzija skont il-ftehim preferenzjali kkonċernat;
— jimpenja ruħu li jitlob ir-revoka tar-reġistrazzjoni tiegħu fis-sistema, jekk ma jkunx beħsiebu jesporta tali merkanzija skont l-arranġament preferenzjali kkonċernat.

Il-post, id-data, il-firma tal-firmatarju awtorizzat, l-isem u t-titlu tal-impjieg ([1])

6. **Il-kunsens infurmat u speċifiku minn qabel tal-esportatur għall-pubblikazzjoni tad-data tiegħu fuq is-sit web pubbliku**

Is-sottoskritt huwa b'dan infurmat li l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni tista' tiġi żvelata lill-pubbliku permezz tal-websajt pubblika. Il-firmatarju hawn taħt jaċċetta l-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni fuq is-sit web pubbliku. Il-firmatarju hawn taħt jista' jirtira l-kunsens tiegħu għall-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni fuq is-sit web pubbliku billi jibgħat talba lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni.

Il-post, id-data, il-firma tal-firmatarju awtorizzat, l-isem u t-titlu tal-impjieg ([1])

7. **Kaxxa għall-użu uffiċjali mill-awtorità kompetenti**

L-applikant hu rreġistrat b'dan in-numru li ġej:
Numru tar-reġistrazzjoni: …
Data tar-reġistrazzjoni: …
Id-data minn meta r-reġistrazzjoni tkun valida: …
Firma u timbru ([1])

([1]) Meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew skambji oħra ta' informazzjoni bejn l-esportaturi jew ir-rikonsenjaturi u l-awtoritajiet doganali ssir bl-użu ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-data, il-firma msemmija fil-kaxxi 5, 6 u 7 għandha tiġi sostitwita b'awtentikazzjoni elettronika.

Avviż informattiv
dwar il-protezzjoni u l-ipproċessar tad-dejta personali inkorporata fis-sistema

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż li jimplimentaw ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jipproċessaw id-data personali li tinsab f'din l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti li jimplimentaw dak ir-Regolament.

2. Id-data personali fir-rigward ta' din l-applikazzjoni tiġi pproċessata għall-fini tar-regoli tal-oriġini kif definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti li tappartjeni għall-arranġamenti preferenzjali tal-Unjoni jew għall-iskemi tal-SĠP tan-Norveġja, tal-Iżvizzera jew tat-Turkija. Il-leġiżlazzjoni msemmija tikkostitwixxi l-bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni f'pajjiż terz fejn tkun ġiet preżentata l-applikazzjoni hija l-kontrollur tal-ipproċessar tad-data fis-sistema REX.

   Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni hija ppubblikata fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

4. L-aċċess għad-data kollha ta' din l-applikazzjoni jingħata permezz ta' ID tal-utent/password lill-utenti fl-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri, għall-finijiet tal-arranġamenti preferenzjali tal-Unjoni, u lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni fin-Norveġja, fl-Iżvizzera u fit-Turkija, għall-finijiet tal-iskemi SĠP rispettivi tagħhom.

5. Id-data ta' reġistrazzjoni revokata għandha tinżamm fis-sistema REX għal 10 snin kalendarji mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni fil-pajjiż terz ikkonċernat. Dan il-perjodu għandu jibda minn tmiem is-sena meta tkun saret ir-revoka tar-reġistrazzjoni.

6. Is-suġġett tad-data għandu d-dritt ta' aċċess għad-data dwaru li tiġi pproċessata fis-sistema REX u, meta xieraq, id-dritt li jirrettifika, iħassar jew jibblokka d-data f'konformità mal-liġijiet nazzjonali li jimplimntaw ir-Regolament (UE) Nru 2016/679. Kwalunkwe talba għal dritt għal aċċess, rettifika, ħassir jew blokkar għandha ssir lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mir-reġistrazzjoni fil-pajjiż terz ikkonċernat, u għandha tiġi pproċessata minnhom. Meta l-esportatur ireġistrat jippreżenta talba lill-Kummissjoni biex jeżerċita dak id-dritt, il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn it-talbiet lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Jekk l-esportatur irreġistrat ma jirnexxilux jikseb id-drittijiet tiegħu mingħand il-kontrollur tad-data, l-esportatur irreġistrat għandu jibgħat din it-talba lill-Kummissjoni li tkun qed taġixxi bħala kontrollur. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tirrettifika, ħassar jew tibblokka d-dejta.

7. L-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati lill-awtorità nazzjonali rilevanti għall-protezzjoni tad-data. Id-dettalji tal-kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni, fil-paġna tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja:
   https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/list-personal-data-protection-competent-authorities

   Inti għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand awtorità kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni fil-pajjiż terz ikkonċernat jekk jidhirlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw ir-Regolament (UE) 2016/679 b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali mill-kontrollur tad-data.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).".

ANNESS III

"ANNESS 22-07

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għall-finijiet tal-iskema SĠP tal-Unjoni

Għandha ssir dikjarazzjoni dwar l-oriġini bl-użu tat-test li jinsab f'dan l-Anness f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi li ġejjin. Jekk id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini tinkiteb bl-idejn, din għandha tinkiteb bil-linka b'karattri stampati. Id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tiġi mfassla f'konformità man-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi. In-noti f'qiegħ il-paġna ma għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

Verżjoni bil-lingwa Franċiża

L'exportateur … (Numéro d'exportateur enregistré ([1])) des produits couverts par le présent document déclare que, sauf indication claire du contraire ([2]), ces produits ont l'origine préférentielle … ([3]) au sens des règles d'origine du Système des préférences tarifaires généralisées de l'Union européenne.

(Cumul) ([4])

(Lieu et date) ([5])

(Nom et adresse complète de l'exportateur) ([6])

(Nom et adresse complète du destinataire) ([7])

Verżjoni bil-lingwa Ingliża

The exporter … (Number of Registered Exporter ([1])) of the products covered by this document declares that, except where otherwise clearly indicated ([2]), these products are of … preferential origin ([3]) according to rules of origin of the Generalised System of Preferences of the European Union.

(Cumulation) ([4])

(Place and date) ([5])

(Name and full address of the exporter) ([6])

(Name and full address of the consignee) ([7])

Verżjoni bil-lingwa Spanjola

El exportador … (Número de exportador registrado ([1])) de los productos incluidos en el presente documento declara que, salvo indicación en sentido contrario ([2]), estos productos gozan de un origen preferencial … ([3]) en el sentido de las normas de origen del Sistema de preferencias generalizado de la Unión europea.

([1]) Indika n-numru ta' referenza li bih jiġi identifikat l-esportatur.

([2]) Iddeskrivi fid-dokument użat biex issir id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini l-prodotti koperti mid-dikjarazzjoni u identifika b'mod ċar il-prodotti mhux koperti.

([3]) Indika l-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti.
Meta d-dikjarazzjoni tal-oriġini jkollha x'taqsam ma' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni, l-esportatur għandu jindika dik l-oriġini bis-simbolu "EU".
Meta d-dikjarazzjoni tal-oriġini, b'mod sħiħ jew parzjalment, ikollha x'taqsam ma' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, l-esportatur għandu jindika l-oriġini bis-simbolu "CM".

([4]) F'każ ta' akkumulazzjoni bilaterali, akkumulazzjoni reġjonali, akkumulazzjoni man-Norveġja, mal-Iżvizzera jew mat-Turkija, jew akkumulazzjoni estiża, id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandu jkun fiha waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin: "Kumulazzjoni mal-pajjiż(i) x/y", "Cumul avec le(s) pays x/y", "Acumulación con el(los) país(paeses) x/y".

([5]) Dik l-informazzjoni tista' titħalla barra jekk tkun tinsab fid-dokument użat biex issir id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, u d-dikjarazzjoni ssir fl-istess post u fl-istess data bħal dak id-dokument.

([6]) Dik l-informazzjoni tista' titħalla barra jekk tkun tinsab fid-dokument użat biex issir id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, u l-esportatur ikun ukoll il-persuna li toħroġ dak id-dokument.

([7]) Dik l-informazzjoni tista' titħalla barra jekk tkun tinsab fid-dokument użat biex issir id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.".

(Acumulación) ([4])

(Lugar y fecha) ([5])

(Nombre y dirección completa del exportador) ([6])

(Nombre y dirección completa del destinatario) ([7])

ANNESS IV

"ANNESS 22-15

Dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fl-Artikolu 61(3)

TITOLU I

REKWIŻITI TAD-*DATA*

KAPITOLU 1

***Noti introduttorji għat-tabella tar-rekwiżiti tad-*data**

1. Dan l-Anness jiddeskrivi l-elementi tad-data (D.E., data elements) meħtieġa bħala dettalji tad-dikjarazzjoni tal-fornitur, f'konformità mal-Artikolu 61(3) ta' dan ir-Regolament.

   Dawn l-elementi tad-data huma organizzati fi gruppi tad-data (D.G., data groups) u, fejn xieraq, sottogruppi tad-data (D.SG., data sub-groups). In-numru tad-D.E. huwa magħmul minn tliet ċifri u huwa strutturat kif ġej: [L-ewwel ċifra: *numru D.G.*].[it-tieni ċifra: *numru D.SG. – fin-nuqqas ta' D.SG., dak in-numru jkun żero*][it-tielet ċifra: *numru sekwenzjali*].

2. L-elementi tad-data li jistgħu jiġu pprovduti għal kull tip ta' dikjarazzjoni tal-fornitur huma stabbiliti fit-tabella tar-rekwiżiti tad-data fil-Kapitolu 3. Il-Kapitolu 2 jipprovdi informazzjoni dwar l-intestaturi tal-kolonni tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data u l-gruppi tad-data.

3. It-tabella tar-rekwiżiti tad-data fil-Kapitolu 3 tiddetermina l-istatus ta' kull element tad-data; li jfisser jekk huwiex obbligatorju ("M", mandatory) jew fakultattiv ("O", optional) għall-fornitur, u jekk huwiex rilevanti fil-livell tad-dikjarazzjoni ("D", declaration) jew tal-unità ("I", item). Il-kaxxi l-vojta fil-kolonni 3 sa 8 tat-tabella jfissru li ma hemm l-ebda status bħal dan għad-D.E. inkwistjoni, sa fejn hija kkonċernata l-kolonna. L-istatus fakultattiv ta' element tad-data għall-fornitur kif iddeterminat f'dan l-Anness huwa mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti kuntrattwali bejn il-fornitur u l-klijent li jipprovdu mod ieħor.

4. Is-simboli "M" jew "O" ma għandhomx effett fuq il-fatt li ċerti elementi tad-data huma meħtieġa biss fejn it-tip ta' dikjarazzjoni tal-fornitur jew iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw dan. Dawn jistgħu jiġu kkomplementati minn kundizzjonijiet jew kjarifiki elenkati fin-Noti tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data fil-Kapitolu 3.

5. Id-dispożizzjonijiet u l-kodiċijiet speċifiċi fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data stabbiliti fit-Titolu II għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-element tad-data kkonċernat, kif definit fit-tabella tar-rekwiżiti tad-data fil-Kapitolu 3.

6. Mingħajr ma jiġi affettwat l-obbligu għall-fornitur li jipprovdi data f'konformità ma' dan l-Anness u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 61(4) u (5), il-kontenut tad-data pprovduta mill-fornitur lill-klijent għal rekwiżit partikolari huwa bbażat fuq l-informazzjoni kif magħrufa mill-fornitur fiż-żmien meta d-dikjarazzjoni tal-fornitur tiġi pprovduta lill-klijent.

7. F'verżjonijiet pdf jew stampati tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, il-kodiċijiet jistgħu jiġu sostitwiti bit-tifsira tagħhom f'lingwa sempliċi.

KAPITOLU 2

Didaskalija tat-tabella

Taqsima 1

Intestaturi tal-kolonni

Nru tal-Kolonna	Intestatura tal-kolonna	Kontenut tal-kolonna
1	D.E. Nru	Numru tal-ordni allokat għall-element tad-data kkonċernat (li jibda bin-numru tal-grupp tad-data)
2	Element tad-data	Isem tal-element tad-data kkonċernat

Nru tal-Kolonna	Intestatura tal-kolonna	Kontenut tal-kolonna
3	SDS1	L-istatus tal-element tad-data kkonċernat f'Dikjarazzjoni tal-Fornitur għal Kunsinna waħda ta' oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali
4	SDS2	L-istatus tal-element tad-data kkonċernat f'Dikjarazzjoni tal-Fornitur għal Kunsinna waħda ta' oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali
5	SDS3	L-istatus tal-element tad-data kkonċernat f'Dikjarazzjoni tal-Fornitur għal Kunsinna waħda ta' oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali u oġġetti li ma għandhomx
6	SDM1	L-istatus tal-element tad-data kkonċernat f'Dikjarazzjoni tal-Fornitur għal Kunsinni multipli ta' oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali
7	SDM2	L-istatus tal-element jew tas-sottoelement tad-data kkonċernat f'Dikjarazzjoni tal-Fornitur għal Kunsinni multipli ta' oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali
8	SDM3	L-istatus tal-element tad-data kkonċernat f'Dikjarazzjoni tal-Fornitur għal Kunsinni multipli ta' oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali u oġġetti li ma għandhomx

Taqsima 2

Gruppi tad-data u Sottogruppi

Nru tal-grupp	Titolu	Nru tas-sottogrupp	Titolu
Grupp 1	Dikjarazzjoni	1.1	Tip u test
		1.2	Dokumenti
Grupp 2	Partijiet	2.1	Fornitur
		2.2	Rappreżentant
		2.3	Klijent
Grupp 3	Dati		
Grupp 4	Dwana		
Grupp 5	Prodotti	5.1	Identifikazzjoni tal-oġġetti
		5.2	Oriġini tal-oġġetti
Grupp 6	Materjali	6.1	Materjali mhux oriġinarji
		6.2	Materjali oriġinarji
Grupp 7	Elementi oħra tad-data	7.1	Akkumulazzjoni
		7.2	Segregazzjoni tal-kontabbiltà

KAPITOLU 3

***Tabella tar-rekwiżiti tad*-data**

1	2	3	4	5	6	7	8
D.E. Nru	Element tad-data	SDS1	SDS2	SDS3	SDM1	SDM2	SDM3
	1. **Dikjarazzjoni**						
	1.1. **Tip u test**						

1	2	3	4	5	6	7	8
D.E. Nru	Element tad-data	SDS1	SDS2	SDS3	SDM1	SDM2	SDM3
1.11	***Tip ta' dikjarazzjoni***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
1.12	***Tip ta' dikjarazzjoni addizzjonali***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
1.13	***Test tad-dikjarazzjoni***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
	1.2. **Dokumenti**						
1.21	***Numru ta' referenza tad-dokument***	O (1)	O (1)	O (1)	O (1)	O (1)	O (1)
		D	D	D	D	D	D
	2. **Partijiet**						
	2.1. **Fornitur**						
2.11	***Isem***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
2.12	***Numru ta' identifikazzjoni***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
2.13	***Tip ta' persuna***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D
2.14	***Indirizz***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
2.15	***Persuna ta' kuntatt***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D
	2.2. **Rappreżentant**						
2.21	***Isem***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D
2.22	***Numru ta' identifikazzjoni***	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)
		D	D	D	D	D	D

1	2	3	4	5	6	7	8
D.E. Nru	Element tad-data	SDS1	SDS2	SDS3	SDM1	SDM2	SDM3
2.23	***Tip ta' persuna***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D
2.24	***Status***	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)
		D	D	D	D	D	D
2.25	***Indirizz***	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)
		D	D	D	D	D	D
2.26	***Persuna ta' kuntatt***	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)	O (2)
		D	D	D	D	D	D
	2.3. **Klijent**						
2.31	***Isem***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
2.32	***Numru ta' identifikazzjoni***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D
2.33	***Tip ta' persuna***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D
2.34	***Indirizz***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
2.35	***Persuna ta' kuntatt***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D
	3. **Dati**						
3.01	***Data meta saret***	M	M	M	M	M	M
		D	D	D	D	D	D
3.02	***Data tal-bidu***				M	M	M
					D	D	D
3.03	***Data tat-tmiem***				M	M	M
					D	D	D
	4. **Dwana**						
4.01	***Awtorità doganali***	O	O	O	O	O	O
		D	D	D	D	D	D

1	2	3	4	5	6	7	8
D.E. Nru	Element tad-data	SDS1	SDS2	SDS3	SDM1	SDM2	SDM3
	5. **Prodotti**						
	5.1 **Identifikazzjoni tal-oġġetti**						
5.11	***Numru unitarju tal-oġġetti***	O	O	O	O	O	O
		I	I	I	I	I	I
5.12	***Deskrizzjoni***	M	M	M	M	M	M
		I	I	I	I	I	I
5.13	***Kodiċi tal-komodità***	M	M	M	M	M	M
		I	I	I	I	I	I
5.14	***Valur***	O	M	M (5)	O	M	M (5)
		I	I	I	I	I	I
5.15	***Piż***	O	M	M (5)	O	M	M (5)
		I	I	I	I	I	I
	5.2. **Oriġini tal-oġġetti**						
5.21	***Status oriġinarju***	M	M	M	M	M	M
		I (A)	I (A)	I (A)	I (A)	I (A)	I (A)
5.22	***Pajjiż ta' oriġini preferenzjali***	M		M (3)	M		M (3)
		I (A)		I (A)	I (A)		I (A)
5.23	***Ftehim preferenzjali***	M	O	M (3)	M	O	M (3)
		I (A)	I	I (A)	I (A)	I	I (A)
5.24	***Qafas legali tal-oriġini***	M	M	M	M	M	M
		I (A)	I	I (A)	I (A)	I	I (A)
5.25	***Kriterji tal-oriġini***	M (4)		M (3)(4)	M (4)		M (3)(4)
		I (A)		I (A)	I (A)		I (A)
	6. **Materjali**						
	6.1. **Materjali mhux oriġinarji**						
6.11	***Deskrizzjoni***		M	M (5)		M	M (5)
			I	I		I	I

1	2	3	4	5	6	7	8
D.E. Nru	Element tad-data	SDS1	SDS2	SDS3	SDM1	SDM2	SDM3
6.12	***Kodiċi tal-komodità***		M	M (5)		M	M (5)
			I	I		I	I
6.13	***Valur***		M	M (5)		M	M (5)
			I	I		I	I
6.14	***Piż***		M	M (5)		M	M (5)
			I	I		I	I
6.15	***Proċessar***		M	M (5)		M	M (5)
			I	I		I	I
	6.2. **Materjali oriġinarji**						
6.21	***Pajjiż ta' oriġini preferenzjali***		M	M (5)		M	M (5)
			I (B)	I (B)		I (B)	I (B)
6.22	***Ftehim preferenzjali***		M	M (5)		M	M (5)
			I (B)	I (B)		I (B)	I (B)
6.23	***Qafas legali tal-oriġini***		M	M (5)		M (B)	M (5)
			I (B)	I (B)		I (B)	I (B)
	7. **Elementi oħra tad-data**						
	7.1. **Akkumulazzjoni**						
7.11	***Applikazzjoni***	M	M	M	M	M	M
		I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)
7.12	***Tip***	O (6)	O (6)	O (6)	O (6)	O (6)	O (6)
		I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)
7.13	***Pajjiż ta' oriġini preferenzjali***	M (6)	M (6)	M (6)	M (6)	M (6)	M (6)
		I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)
7.14	***Ftehim preferenzjali***	M (6)	M (6)	M (6)	M (6)	M (6)	M (6)
		I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)	I (C)

1	2	3	4	5	6	7	8
D.E. Nru	Element tad-data	SDS1	SDS2	SDS3	SDM1	SDM2	SDM3
	7.2. **Segregazzjoni tal-kontabbiltà**						
7.21	***Applikazzjoni***	M		M	M		M
		I (D)		I (D)	I (D)		I (D)
7.22	***Tip***	M (7)		M (7)	M (7)		M (7)
		I (D)		I (D)	I (D)		I (D)
7.23	***Test***	M (7)		M (7)	M (7)		M (7)
		I (D)		I (D)	I (D)		I (D)
7.24	***Ftehim preferenzjali***	M (7)		M (7)	M (7)		M (7)
		I (D)		I (D)	I (D)		I (D)

Noti

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
(1)	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss meta d-dettalji tad-dikjarazzjoni tal-fornitur ma jkunux inklużi kollha f'sett jew dokument wieħed ta' data.
(2)	Meta l-isem ta' rappreżentant jissemma taħt id-D.E. 2.21, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta.
(3)	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss fir-rigward tal-oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali, koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur.
(4)	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss meta r-regoli tal-oriġini għall-finijiet tal-ftehim preferenzjali kkonċernat ikunu jeħtiġuha.
(5)	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta, fejn rilevanti, biss fir-rigward tal-oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali, koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur.
(6)	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss meta tkun indikata taħt id-D.E. 7.11 li ġiet applikata sistema ta' akkumulazzjoni tal-oriġini. U, jekk ikun minnu, l-informazzjoni msemmija fid-D.E. 7.12 tista' tiġi pprovduta.
(7)	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss meta tkun indikata taħt id-D.E. 7.21 li ġiet applikata sistema ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà.
(A)	Fejn dikjarazzjoni tal-fornitur tkopri oġġetti li għandhom l-istess status oriġinarju (D.E. 5.21) u, fil-każ ta' oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali, l-istess pajjiż ta' oriġini preferenzjali (D.E. 5.22), taħt l-istess ftehim preferenzjali (D.E. 5.23) u l-qafas legali tal-oriġini (D.E. 5.24), din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-livell tad-dikjarazzjoni (D) u titħalla barra fil-livell tal-unità (I).
(B)	Fejn dikjarazzjoni tal-fornitur tkopri oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali, prodotti minn materjali oriġinarji li għandhom l-istess pajjiż ta' oriġini preferenzjali (D.E. 6.21), taħt l-istess ftehim preferenzjali (D.E. 6.22) u l-qafas legali tal-oriġini (D.E. 6.23), din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-livell tad-dikjarazzjoni (D) u titħalla barra fil-livell tal-unità (I)

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
(C)	Meta l-akkumulazzjoni tkun ġiet applikata għall-oġġetti kollha koperti minn dikjarazzjoni tal-fornitur taħt l-istess ftehim preferenzjali (D.E. 7.14), din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-livell tad-dikjarazzjoni (D) u titħalla barra fil-livell tal-unità (I)
(D)	Fejn tkun ġiet applikata segregazzjoni tal-kontabbiltà għall-oġġetti kollha koperti minn dikjarazzjoni tal-fornitur taħt l-istess ftehim preferenzjali (D.E. 7.23), din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-livell tad-dikjarazzjoni (D) u titħalla barra fil-livell tal-unità (I)

TITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET U KODIĊIJIET SPEĊIFIĊI FIR-RIGWARD TAR-REKWIŻITI TAD-DATA

Introduzzjoni

Id-dispożizzjonijiet u l-kodiċijiet speċifiċi li jinsabu f'dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-elementi tad-data msemmija fit-tabella tar-rekwiżiti tad-data fit-Titolu I, il-Kapitolu 3, ta' dan l-Anness, sa fejn jintużaw dawk l-elementi tad-data, minħabba li jkunu obbligatorji, jew il-fornitur ikun għażel li jużahom, f'konformità ma' dik it-tabella.

	Grupp 1 — Dikjarazzjoni
1.1	**Tip u test**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni dwar it-tip u n-natura tad-dikjarazzjoni tal-fornitur
1.11	***Tip ta' dikjarazzjoni***
	Indika jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur hijiex magħmula għal kunsinna waħda jew għal kunsinni multipli. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: **SDS:** dikjarazzjoni tal-fornitur għal kunsinna waħda **SDM:** dikjarazzjoni tal-fornitur għal kunsinna multipla
1.12	***Tip ta' dikjarazzjoni addizzjonali***
	Indika jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur hijiex magħmula għal oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali, jew oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali, jew oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali u oġġetti li ma għandhomx. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: 1: oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali biss 2: oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali biss 3: oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali u oġġetti lil ma għandhomx
1.13	***Test tad-dikjarazzjoni***
	Daħħal id-dikjarazzjoni u l-impenji tal-fornitur li ġejjin: *"Jiena, il-fornitur tal-oġġetti koperti minn din id-dikjarazzjoni, nassumi r-responsabbiltà għall-akkuratezza u l-kompletezza tal-informazzjoni li tinsab fiha dwar id-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju ta' dawk l-oġġetti, u l-awtenticità, l-akkuratezza u l-validità ta' kwalunkwe dokument ta' sostenn.* *Jiena nintrabat li ninforma minnufih lill-klijent, li lilu ġew fornuti dawk l-oġġetti, jekk din id-dikjarazzjoni kienet skorretta jew ma għadhiex applikabbli fir-rigward ta' xi oġġetti jew tal-oġġetti kollha kkonċernati.* *Jiena nintrabat li nagħmel disponibbli fi kwalunkwe ħin lill-awtoritajiet doganali kompetenti, fuq talba tagħhom, id-dikjarazzjoni tal-fornitur u kwalunkwe dokument ta' sostenn ieħor li jkunu jeħtieġu."*

	Grupp 1 — Dikjarazzjoni
1.2	**Dokumenti**
1.21	***Numru ta' referenza tad-dokument***
	Meta d-dettalji tad-dikjarazzjoni tal-fornitur ma jkunux kollha inklużi f'sett jew dokument wieħed ta' data, indika r-referenza(i) tas-sett(ijiet) jew tad-dokument(i) rilevanti li jkun fih(om) dawk id-dettalji.

	Grupp 2 — Partijiet
2.1	**Fornitur**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni dwar il-fornitur
2.11	***Isem***
	Daħħal l-isem sħiħ u, fejn applikabbli, il-forma ġuridika tal-fornitur
2.12	***Numru ta' identifikazzjoni***
	Indika n-numru li bih jiġi identifikat il-fornitur, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ
2.13	***Tip ta' persuna***
	Indika t-tip ta' persuna li l-fornitur huwa, kif definit fl-Artikolu 5(4) tal-Kodiċi. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: 1: persuna fiżika 2: persuna ġuridika 3: assoċjazzjoni ta' persuni li ma hijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li għandha l-kapaċità li twettaq atti legali
2.14	***Indirizz***
	Indika l-indirizz preċiż tal-fornitur (l-isem tat-triq, in-numru tal-bini jew tal-faċilità, l-informazzjoni tal-kaxxa postali, il-kodiċi postali, il-belt, ir-reġjun jew il-provinċja speċifika, il-pajjiż)
2.15	***Persuna ta' kuntatt***
	Indika l-isem, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika ta' persuna ta' kuntatt, għall-finijiet ta' komunikazzjoni
2.2	**Rappreżentant**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu, fejn applikabbli, informazzjoni dwar ir-rappreżentant
2.21	***Isem***
	Daħħal l-isem sħiħ u, fejn applikabbli, il-forma ġuridika tar-rappreżentant
2.22	***Numru ta' identifikazzjoni***
	Indika n-numru tar-rappreżentant
2.23	***Tip ta' persuna***
	Indika t-tip ta' persuna li r-rappreżentant huwa, kif definit fl-Artikolu 5(4) tal-Kodiċi. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: 1: persuna fiżika 2: persuna ġuridika 3: assoċjazzjoni ta' persuni li ma hijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li għandha l-kapaċità li twettaq atti legali

	Grupp 2 — Partijiet
2.24	***Status***
	Indika l-istatus tar-rappreżentant. Meta r-rappreżentanza tkun indiretta, id-dikjarazzjoni tal-fornitur għandha ssemmi l-istess persuna bħala r-rappreżentant u l-fornitur, anke jekk tali fornitur jaġixxi, bħala rappreżentant, f'isem persuni oħra. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: 1. Ir-rappreżentant (rappreżentazzjoni diretta skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1) tal-Kodiċi). 2. Ir-rappreżentant (rappreżentazzjoni indiretta skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1) tal-Kodiċi).
2.25	***Indirizz***
	Indika l-indirizz preċiż tar-rappreżentant (l-isem tat-triq, in-numru tal-bini jew tal-faċilità, l-informazzjoni tal-kaxxa postali, il-kodiċi postali, il-belt, ir-reġjun jew il-provinċja speċifika, il-pajjiż)
2.26	***Persuna ta' kuntatt***
	Indika l-isem, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika ta' persuna ta' kuntatt, għall-finijiet ta' komunikazzjoni
2.3	**Klijent**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni dwar il-klijent
2.31	***Isem***
	Daħħal l-isem sħiħ u, fejn applikabbli, il-forma ġuridika tal-klijent
2.32	***Numru ta' identifikazzjoni***
	Indika n-numru tal-klijent
2.33	***Tip ta' persuna***
	Indika t-tip ta' persuna li l-klijent huwa, kif definit fl-Artikolu 5(4) tal-Kodiċi. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: 1: persuna fiżika 2: persuna ġuridika 3: assoċjazzjoni ta' persuni li ma hijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li għandha l-kapaċità li twettaq atti legali
2.34	***Indirizz***
	Indika indirizz rilevanti tal-klijent.
2.35	***Persuna ta' kuntatt***
	Indika l-isem, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika ta' persuna ta' kuntatt, għall-finijiet ta' komunikazzjoni

	Grupp 3 — Dati
3.01	***Data meta saret***
	Indika d-data li fiha ssir id-dikjarazzjoni tal-fornitur.
3.02	***Data tal-bidu***
	Indika d-data tal-bidu tal-perjodu ta' validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur, li ma tistax tkun aktar minn 12-il xahar qabel jew aktar minn 6 xhur wara d-data meta ssir.

	Grupp 3 — Dati
3.03	***Data tat-tmiem***
	Indika d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur, li ma tistax tkun aktar minn 24 xahar wara d-data tal-bidu.

	Grupp 4 — Dwana
4.01	***Awtorità doganali***
	Indika l-awtorità doganali responsabbli għall-verifika tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

	Grupp 5 — Oġġetti
5.1	**Identifikazzjoni tal-oġġetti**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jidentifikaw l-oġġetti koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur
5.11	***Numru unitarju tal-oġġetti***
	In-numru unitarju assenjat lill-oġġetti mill-fornitur, meta jkun hemm aktar minn unità waħda ta' oġġetti koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur. Barra minn hekk u fuq talba tal-klijent, il-fornitur jista' jindika n-numru unitarju assenjat lill-oġġetti mill-klijent.
5.12	***Deskrizzjoni***
	Ipprovdi deskrizzjoni b'lingwa sempliċi tal-oġġetti, preċiża biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu identifikati u r-regoli tal-oriġini applikati għad-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju tagħhom.
5.13	***Kodiċi tal-komodità***
	Indika fil-livell xieraq tal-SA jew tan-NM, fuq talba tal-klijent u fejn meħtieġ biex timla d-deskrizzjoni tal-oġġetti (D.E. 5.12), in-numru tal-kodiċi tal-komodità li jikkorrispondi għall-oġġetti inkwistjoni.
5.14	***Valur***
	Indika l-valur tal-oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur, għal kull unità, fejn rilevanti għall-akkwist ta' oriġini preferenzjali minn prodotti li għandhom sussegwentement jinkisbu minn dawk l-oġġetti. "Valur" tfisser il-prezz mill-fabbrika tal-oġġetti, jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għall-oġġetti fl-Unjoni.
5.15	***Piż***
	Indika l-piż tal-oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur, għal kull unità, fejn rilevanti għall-akkwist ta' oriġini preferenzjali minn prodotti li għandhom sussegwentement jinkisbu minn dawk l-oġġetti. "Piż" tfisser il-massa netta tal-oġġetti.
5.2	**Oriġini tal-oġġetti**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-oġġetti koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur

	Grupp 5 — Oġġetti
5.21	***Status oriġinarju***
	Indika l-istatus oriġinarju tal-oġġetti f'konformità mad-definizzjoni tiegħu fl-Artikolu 60(5) ta' dan ir-Regolament. Ara wkoll in-Nota (A) dwar it-tabella tar-rekwiżiti tad-data. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: 1: oġġetti li għandhom oriġini preferenzjali 2: oġġetti li ma għandhomx oriġini preferenzjali 9: fejn rilevanti, oġġetti mhux koperti (eż. oġġetti elenkati f'dokument użat biex issir id-dikjarazzjoni iżda mhux koperti minnha)
5.22	***Pajjiż ta' oriġini preferenzjali***
	Indika l-Unjoni jew il-pajjiż jew ir-reġjun/grupp ta' pajjiżi ta' oriġini preferenzjali tal-oġġetti. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-Unjoni jew għall-pajjiż jew għar-reġjun/għall-grupp ta' pajjiżi kkonċernati. Meta l-oġġetti jkunu kisbu oriġini preferenzjali f'diversi pajjiżi jew reġjun/gruppi ta' pajjiżi, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' ddaħħal il-kodiċijiet rilevanti għall-pajjiżi kollha ta' oriġini preferenzjali kkonċernati.
5.23	***Ftehim preferenzjali***
	Indika l-pajjiż jew ir-reġjun/grupp ta' pajjiżi li magħhom l-Unjoni għandha l-ftehim preferenzjali li taħtu ġiet iddeterminata l-oriġini preferenzjali tal-oġġetti Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż jew għar-reġjun/għall-grupp ta' pajjiżi kkonċernati. Meta l-oriġini preferenzjali tal-oġġetti tista' tiġi ddeterminata fil-kuntest ta' aktar minn ftehim preferenzjali wieħed ma' pajjiż jew reġjun/grupp ta' pajjiżi, indika l-ftehim preferenzjali kkonċernat. Meta l-oriġini preferenzjali ta' dak il-pajjiż jew ta' reġjun/grupp ta' pajjiżi tinkiseb taħt aktar minn wieħed minn dawk il-ftehimiet, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' tindika dawk il-ftehimiet kollha.
5.24	***Qafas legali tal-oriġini***
	Meta l-oriġini preferenzjali tal-oġġetti tista' tiġi ddeterminata fil-kuntest ta' ftehimiet preferenzjali ma' pajjiż jew reġjun/grupp ta' pajjiżi, taħt aktar minn sett wieħed ta' regoli preferenzjali tal-oriġini, indika l-qafas legali, jew l-oqfsa użati biex tiġi ddeterminata l-oriġini preferenzjali. Meta l-pajjiż jew ir-reġjun/il-grupp ta' pajjiżi jkun Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (il-Konvenzjoni PEM), il-qafas legali, jew l-oqfsa li għandhom jiġu indikati huma l-Konvenzjoni PEM u/jew ir-regoli tranżizzjonali tal-oriġini tal-PEM. Daħħal il-kodiċijiet rilevanti, kif ġej: 1: Il-Konvenzjoni PEM 2: Regoli tranżizzjonali tal-oriġini tal-PEM 3: Konvenzjoni PEM u regoli tranżizzjonali tal-oriġini ("permeabbiltà tal-PEM") Meta ma jiġi indikat l-ebda qafas legali, b'mod awtomatiku, id-dikjarazzjoni tal-fornitur għandha titqies bħala li tindika li l-Konvenzjoni PEM intużat biex tiġi ddeterminata l-oriġini preferenzjali tal-oġġetti.
5.25	***Kriterji tal-oriġini***
	Indika l-kriterji ssodisfati biex l-oġġetti jitqiesu bħala li għandhom oriġini preferenzjali. Daħħal il-kodiċijiet rilevanti, kif jirriżultaw mir-regoli tal-oriġini għall-ftehim preferenzjali kkonċernat.

	Grupp 6 — Materjali
6.1	**Materjali mhux oriġinarji**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni dwar kull tip ta' materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' oġġetti mhux oriġinarji koperti mid-dikjarazzjoni tal-fornitur.

	Grupp 6 — Materjali
6.11	***Deskrizzjoni***
	Ipprovdi deskrizzjoni b'lingwa sempliċi ta' kull tip ta' materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-oġġetti mhux oriġinarji, preċiża biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu identifikati u distinti.
6.12	***Kodiċi tal-komodità***
	Indika, fejn rilevanti għad-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju tal-oġġetti, il-kodiċi tal-komodità li jikkorrispondi għal kull tip ta' materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-oġġetti mhux oriġinarji. Daħħal il-kodiċi tal-intestatura tas-Sistema Armonizzata (SA) jew, fejn rilevanti, il-kodiċi tas-sottointestatura SA jew il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) tal-materjali.
6.13	***Valur***
	Indika, fejn rilevanti għad-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju tal-oġġetti, il-valur eżatt ta' kull tip ta' materjali mhux oriġinarji użati, għal kull unità ta' oġġetti mhux oriġinarji. "Valur" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati, jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli li jkun tħallas għall-materjali fl-Unjoni.
6.14	***Piż***
	Indika, fejn rilevanti għad-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju tal-oġġetti, il-piż ta' kull tip ta' materjali mhux oriġinarji użati, għal kull unità ta' oġġetti mhux oriġinarji. "Piż" tfisser il-[massa netta] tal-materjali mhux oriġinarji użati.
6.15	***Proċessar***
	Indika, fejn rilevanti għad-determinazzjoni tal-istatus oriġinarju tal-oġġetti, l-operazzjonijiet ta' ħidma jew ta' proċessar imwettqa fuq kull tip ta' materjali mhux oriġinarji użati.
6.2	**Materjali oriġinarji**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jiċċertifikaw u jidentifikaw, fejn xieraq, l-oriġini preferenzjali tal-materjali kollha użati fil-produzzjoni tal-oġġetti mhux oriġinarji, minbarra l-materjali mhux oriġinarji identifikati taħt id-D.E. 6.10. Ara wkoll in-Nota (B) dwar it-tabella tar-rekwiżiti tad-data.
6.21	***Pajjiż ta' oriġini preferenzjali***
	Indika l-Unjoni jew il-pajjiż jew ir-reġjun/grupp ta' pajjiżi ta' oriġini preferenzjali tal-materjali. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-Unjoni jew għall-pajjiż jew għar-reġjun/għall-grupp ta' pajjiżi kkonċernati. Meta l-materjali jkunu kisbu oriġini preferenzjali f'diversi pajjiżi jew reġjun/gruppi ta' pajjiżi, il-kodiċijiet rilevanti jistgħu jiddaħħlu għall-pajjiżi kollha ta' oriġini preferenzjali kkonċernati.
6.22	***Ftehim preferenzjali***
	Indika l-pajjiż jew ir-reġjun/grupp ta' pajjiżi li magħhom l-Unjoni għandha l-ftehim preferenzjali li taħtu ġiet iddeterminata l-oriġini preferenzjali tal-materjali. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż jew għar-reġjun/għall-grupp ta' pajjiżi kkonċernati. Meta l-oriġini preferenzjali tal-materjali tista' tiġi ddeterminata fil-kuntest ta' aktar minn ftehim preferenzjali wieħed ma' pajjiż jew reġjun/grupp ta' pajjiżi, indika l-ftehim preferenzjali kkonċernat. Meta l-oriġini preferenzjali ta' dak il-pajjiż jew ta' reġjun/grupp ta' pajjiżi tinkiseb taħt aktar minn wieħed minn dawk il-ftehimiet, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tista' tindika dawk il-ftehimiet kollha.

	Grupp 6 — Materjali
6.23	***Qafas legali tal-oriġini***
	Meta l-oriġini preferenzjali tal-oġġetti tista' tiġi ddeterminata fil-kuntest ta' ftehimiet preferenzjali ma' pajjiż jew reġjun/grupp ta' pajjiżi, taħt aktar minn sett wieħed ta' regoli preferenzjali tal-oriġini, indika l-qafas legali, jew l-oqfsa użati biex tiġi ddeterminata l-oriġini preferenzjali. Meta l-pajjiż jew ir-reġjun/il-grupp ta' pajjiżi jkun Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni PEM, il-qafas legali, jew l-oqfsa li għandhom jiġu indikati huma l-Konvenzjoni PEM u/jew ir-regoli tranżizzjonali tal-oriġini tal-PEM. Meta ma jiġi indikat l-ebda qafas legali, b'mod awtomatiku, id-dikjarazzjoni tal-fornitur għandha titqies bħala li tindika li l-Konvenzjoni PEM intużat biex tiġi ddeterminata l-oriġini preferenzjali tal-oġġetti.

	Grupp 7 — Elementi oħra ta' *data*
7.1	**Akkumulazzjoni**
	L-elementi ta' data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni dwar jekk ġietx applikata sistema ta' akkumulazzjoni, ta' liema tip u b'liema materjali
7.11	***Applikazzjoni***
	Indika jekk sistema ta' akkumulazzjoni tal-oriġini ġietx applikata għall-oġġetti. Daħħal il-kodiċi rilevanti, kif ġej: 1: akkumulazzjoni applikata 2: l-ebda akkumulazzjoni ma ġiet applikata
7.12	***Tip***
	Indika, meta tkun ġiet applikata akkumulazzjoni, it-tip ta' akkumulazzjoni applikata.
7.13	***Pajjiż ta' oriġini preferenzjali***
	Indika l-Unjoni jew il-pajjiż jew ir-reġjun/grupp ta' pajjiżi ta' oriġini preferenzjali tal-materjali. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-Unjoni jew għall-pajjiż jew għar-reġjun/għall-grupp ta' pajjiżi kkonċernati.
7.14	***Ftehim preferenzjali***
	Indika l-pajjiż jew ir-reġjun/grupp ta' pajjiżi li magħhom l-Unjoni għandha l-ftehim preferenzjali li taħtu ġiet iddeterminata l-oriġini preferenzjali tal- Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż jew għar-reġjun/għall-grupp ta' pajjiżi kkonċernati. Meta l-oriġini preferenzjali tal-materjali tista' tiġi ddeterminata fil-kuntest ta' aktar minn ftehim preferenzjali wieħed ma' pajjiż jew reġjun/grupp ta' pajjiżi, indika l-ftehimiet preferenzjali kkonċernati.
7.2	**Segregazzjoni tal-kontabbiltà**
	L-elementi tad-data ta' hawn taħt għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni lill-klijent dwar jekk sistema ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà ġietx applikata fuq materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji, li kienu f'ħażna komuni iżda mhux ipproċessati qabel ma l-oġġetti jiġu fornuti lill-klijent
7.21	***Applikazzjoni***
	Indika jekk ġietx applikata sistema ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà fuq il-materjali, biss meta dawk il-materjali kienu f'ħażna komuni iżda mhux ipproċessati qabel il-provvista tal-oġġetti lill-klijent.

	Grupp 7 — Elementi oħra ta' *data*
7.22	***Test***
	Meta sistema ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà tkun ġiet applikata kif deskritt fid-dispożizzjoni speċifika dwar id-D.E. 7.21, daħħal it-test li ġej: *"Materjali oriġinarji maħżuna bl-użu tas-segregazzjoni tal-kontabbiltà. L-oriġini preferenzjali tinżamm biss jekk il-materjali jiġu pproċessati ulterjorment qabel l-esportazzjoni."*
7.23	***Ftehim preferenzjali***
	Meta sistema ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà tkun ġiet applikata kif deskritt fid-dispożizzjoni speċifika dwar id-D.E. 7.21, indika l-pajjiż jew ir-reġjun/il-grupp ta' pajjiżi li magħhom l-Unjoni għandha l-ftehim preferenzjali li taħtu ġiet applikata s-segregazzjoni tal-kontabbiltà. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż jew għar-reġjun/għall-grupp ta' pajjiżi kkonċernati. Meta tkun ġiet applikata segregazzjoni tal-kontabbiltà fil-kuntest ta' aktar minn ftehim preferenzjali wieħed ma' pajjiż jew reġjun/grupp ta' pajjiżi, indika l-ftehimiet preferenzjali kkonċernati.".

ANNESS V

"ANNESS 22-20

Ir-rekwiżiti biex isiru d-dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini

Dan l-Anness jispeċifika r-rekwiżiti għall-esportaturi rreġistrati jew għar-rikonsenjaturi fl-Unjoni biex jagħmlu dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini, f'konformità mal-Artikolu 69(2) jew l-Artikolu 101 ta' dan ir-Regolament.

I. Rekwiżiti relatati mad-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini

1. Id-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini għandha tiġi mmarkata bl-indikazzjoni li ġejja f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea:

Il-verżjoni bil-lingwa Bulgara:

Заместващо изявление за произход

Il-verżjoni bil-lingwa Spanjola:

Comunicación sobre el origen sustitutiva

Il-verżjoni bil-lingwa Ċeka:

Náhradní deklarace o původu

Il-verżjoni bil-lingwa Daniża:

Erstatningsudtalelse om oprindelse

Il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża:

Ersatzerklärung zum Ursprung

Il-verżjoni bil-lingwa Estonjana:

Asenduspäritolukinnitus

Il-verżjoni bil-lingwa Griega:

βεβαίωση καταγωγής αντικατάστασης

Il-verżjoni bil-lingwa Ingliża:

Replacement statement on origin

Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża:

Attestation d'origine de remplacement

Il-verżjoni bil-lingwa Irlandiża:

ráiteas ionaid maidir le tionscnamh

Il-verżjoni bil-lingwa Kroata:

Zamjenska tvrdnja o podrijetlu

Il-verżjoni bil-lingwa Taljana:

Attestazione di origine sostitutiva

Il-verżjoni bil-lingwa Latvjana:

Aizstājējpaziņojums par izcelsmi

Il-verżjoni bil-lingwa Litwana:

Pakaitinis pareiškimas apie prekių kilmę

Il-verżjoni bil-lingwa Ungeriża:

Helyettesítő származásmegjelölő nyilatkozat

Il-verżjoni bil-lingwa Maltija:

Dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini

Il-verżjoni bil-lingwa Olandiża:

Vervangend attest van oorsprong

Il-verżjoni bil-lingwa Pollakka:

Zastępcze oświadczenie o pochodzeniu

Il-verżjoni bil-lingwa Portugiża:

Atestado de origem de substituição

Il-verżjoni bil-lingwa Rumena:

Atestat de origine înlocuitor

Il-verżjoni bil-lingwa Slovakka:

Náhradné potvrdenie o pôvode

Il-verżjoni bil-lingwa Slovena:

Nadomestna izjava o poreklu

Il-verżjoni bil-lingwa Finlandiża:

Korvaava alkuperävakuutus

Il-verżjoni bil-lingwa Żvediża:

Ersättningsförsäkran om ursprung

2. L-esportatur jew ir-rikonsenjatur għandu jindika l-informazzjoni li ġejja fid-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini:

   (a) id-dettalji kollha tal-prodotti koperti mid-dikjarazzjoni ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini, meħuda mid-dokument inizjali dwar l-oriġini, inkluża informazzjoni dwar akkumulazzjoni jew deroga applikata għal dawk il-prodotti, fejn xieraq;

   (b) id-data li fiha saret id-dikjarazzjoni inizjali dwar l-oriġini;

   (c) l-isem, l-indirizz u n-numru REX tiegħu;

   (d) l-isem u l-indirizz tad-destinatarju, fl-Unjoni fejn rilevanti, jew fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 101;

   (e) id-data u l-post tas-sostituzzjoni.

II. Rekwiżiti relatati mad-dokument dwar l-oriġini sostitwit

1. Id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini sostitwita għandha tiġi mmarkata bl-indikazzjoni li ġejja f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea:

Il-verżjoni bil-lingwa Bulgara:

Заместено

Il-verżjoni bil-lingwa Spanjola:

Sustituida

Il-verżjoni bil-lingwa Ċeka:

Nahrazená

Il-verżjoni bil-lingwa Daniża:

Erstattet

Il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża:

Ersetzt

Il-verżjoni bil-lingwa Estonjana:

Asendatud

Il-verżjoni bil-lingwa Griega:

Αντικαταστάθηκε

Il-verżjoni bil-lingwa Ingliża:

Replaced

Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża:

Remplacée

Il-verżjoni bil-lingwa Irlandiża:

Ar cuireadh rud eile ina ionad

Il-verżjoni bil-lingwa Kroata:

Zamijenjena

Il-verżjoni bil-lingwa Taljana:

Sostituita

Il-verżjoni bil-lingwa Latvjana:

Aizstāts

Il-verżjoni bil-lingwa Litwana:

Pakeista

Il-verżjoni bil-lingwa Ungeriża:

Helyettesítve

Il-verżjoni bil-lingwa Maltija:

Sostitwita

Il-verżjoni bil-lingwa Olandiża:

Vervangen

Il-verżjoni bil-lingwa Pollakka:

Zastąpione

Il-verżjoni bil-lingwa Portugiża:

Substituída

Il-verżjoni bil-lingwa Rumena:

Înlocuit

Il-verżjoni bil-lingwa Slovakka:

Nahradené

Il-verżjoni bil-lingwa Slovena:

nadomeščen

Il-verżjoni bil-lingwa Finlandiża:

Korvattu

Il-verżjoni bil-lingwa Żvediża:

Ersatt

2. L-esportatur jew ir-rikonsenjatur għandu jindika l-informazzjoni li ġejja fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini sostitwita:

   (a) ir-referenzi għad-dikjarazzjoni(jiet) ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini;

   (b) l-isem, l-indirizz u n-numru REX tiegħu;

   (c) l-isem u l-indirizz tad-destinatarju/i tal-prodotti koperti mid-dikjarazzjoni(jiet) ta' sostituzzjoni, fl-Unjoni fejn rilevanti, jew fin-Norveġja jew fl-Iżvizzera, fejn applikabbli f'konformità mal-Artikolu 101.".